**L-Impjant ta' Sant'Antnin**

**<u>Ftit Storja</u>**

Il-Gvern Nazzjonalista li qatt ma ħamel in-naħa t'isfel ta' Malta, irid ikompli jagħmilha l-miżbla ta' Malta u Għawdex billi jkabbar l-impjant ta' Sant'Antnin ħalli jiġi ttrattat iż-żibel kollu tal-gżejjer Maltin.

Għaldaqstant, sejrin naraw flimkien x'hemm lest għall-inħawi tan-naħa t'isfel ta' Malta jekk il-Kunsilli Lokali u in-nies kollha ma jingħaqdux flimkien u jħallu lill-Gvern Nazzjonalista li jwettaq il-pjan infami tiegħu.

Kulħadd jiftakar li meta sar l-impjant tar-riċiklaġġ ta' Sant'Antnin mill-Gvern Nazzjonalista, l-intejjen u riħa ta' qrusa li rriżultaw kienu insapportabbli, imma minkejja l-protesti tan-nies, il-Gvern Nazzjonalista xorta waħda ma sabx tarf tal-problema.

Kien biss fi żmien il-Gvern Laburista bejn l-1996 – 1998 li kienu ttieħdu passi biex l-intejjen u r-riħa li taħraqlek griżmejk li kienet tinxtamm anki minn Raħal Ġdid, kienet twaqqfet.

Kulħadd jaf ukoll li minn meta reġa' kien hemm il-Gvern Nazzjonalista, l-intejjen ta' l-Impjant ta' Sant'Antnin reġgħu bdew jinxtammu minn diversi nħawi, l-aktar minn Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun.

Wara li l-Gvern iffirma t-Trattat tas-Sħubija u Malta saret membru ta' l-Unjoni Ewropea, ir-Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea jkollhom jiġu nfurzati hawnhekk ukoll minkejja li kien hemm xi perjodi ta' transizzjoni.

Il-Gvern Nazzjonalista taparsi għalaq il-miżbla tal-Magħtab, u għalkemm kulħadd jaf li għadu jsir rimi ta' skart fl-istess inħawi, din kellha tingħalaq "uffiċjalment" għaliex hekk intrabat li jagħmel il-Gvern Nazzjonalista ma' l-Unjoni Ewropea.

Biex ikompli jgħaxxaqha, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono minflok għamlet impjant tar-riċiklaġġ ġewwa Għawdex stess, irnexxielha tibda tibgħat ukoll iż-żibel ta' Għawdex lejn Malta minħabba li l-Gvern kellu jagħlaq ukoll il-miżbla tal-Qortin.

M'hemmx għalfejn ngħidu li l-ġarr taż-żibel lejn Malta irriżulta f'intejjen u ġrieden li rawhom jiġru kemm-il darba fuq il-vapuri t'Għawdex, barra li komplew aggravaw is-sitwazzjoni f'Malta.

Fl-istess waqt, inħawi qrib fejn kien hemm il-miżbla tal-Qortin intlew bil-ġrieden u l-firien li meta ma sabux l-ikel tal-miżbla, bdew jiġġerrew ma kullimkien ifittxu x'jieklu u spiċċaw jiġru fit-toroq u parapetti tad-djar tan-nies.

Minħabba l-obbligazzjonijiet li l-Gvern Nazzjonalista daħal għalihom, fosthom li jagħlaq il-miżbla tal-Magħtab, kellu jara x'jagħmel, u vvinta li ż-żibel kollu jibda jinġieb lejn l-impjant ta' Sant'Antnin ġewwa Wied il-Għajn.

Biex ikun jista' jagħmel hekk kien jinħtieġ li l-impjant ta' Sant'Antnin jitkabbar, anzi l-ewwel jitkisser kollu, imbagħad jerġa' jinbena mill-ġdid biex ikun jista' jittrattta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex.

**Rapport**

Biex il-Gvern Nazzjonalista taparsi jkollu wara x'hiex jistaħba, il-Kumpanija Wasteserve qabbdet kumpanija Ngliża, SLR Consulting Limited, ta' One Meadowbank Way, Eastwood, Nottingham, NG16 3SR.

Din il-Kumpanija kienet assoċjata mal-kumpanija AIS Environmental Limited, ta' St John Street, Fgura, PLA 13, li flimkien ħejjew ir-rapport dwar l-impatt li jirriżulta fuq l-ambjent għall-Kumpanija Wasteserve Malta Ltd, ta' Phoenix Building, Old Railway Track, Sta. Venera.

Dan ir-rapport huwa SLR Job No: 4C/585/003 u huwa datat Ottubru 2004.

Tajjeb għalhekk li naraw ftit x'kien fih dan ir-rapport u kif, skond l-istess rapport, sejrin jintlaqtu n-nies ta' l-inħawi, imma ngħid mill-ewwel li hemm nuqqasijiet f'dan ir-rapport biex l-affarijiet jidhru isbaħ milli jkunu.

**Introduzzjoni tar-Rapport**

Fid-daħla ta' dan ir-rapport, f'paġna 1, jingħad li l-impjant ta' Sant'Antnin kien beda jaħdem fl-1993 imma kellu serje ta' problemi tekniċi u ambjentali matul l-istorja tiegħu, u l-kwalita' tal-prodott ma kinitx sodisfaċenti.

Mela issa m'humiex biss ir-residenti ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun li dejjem qalu dan, imma issa għandna kumpanija li tqabbdet tagħmel dan ir-rapport li tikkonferma kemm dawn in-nies kellhom raġun igergru bl-intejjen insapportabbli li l-impjant kien u għadu jagħmel.

**Ammont ta' Żibel Ittrattat Preżentament**

Fl-istess paragrafu jingħad ukoll li l-impjant kien oriġinarjament iddisinjat li jittratta 80,000 tunellata ta' żibel fis-sena, imma li fil-preżent bilkemm jittratta 25,000 tunellata fis-sena, waqt li madwar 45% jintrema għaliex m'huwiex ta' kwalita'.

Innutaw kif il-25,000 tunellata qed jikkawżaw intejjen li speċjalment fis-sajf huma insapportabbli kif jistgħu jaħilfu u jixhdu n-nies ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun.

Ikompli jingħad ukoll l-Gvern huwa kommess li jtejjeb il-livelli ta' rkupru u riċiklaġġ u jnaqqas il-volum taż-żibel depożitat fil-landfill, skond id-direttivi Ewropej, jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea.

Għalhekk ġie propost li jiġi żviluppat l-impjant preżenti b'parti mill-fondi jkunu mill-Kummissjoni ta' Unjoni Ewropea.

**Kemm Se Jiġi Ttrattat Żibel**

Fl-ewwel paġna, ir-rapport jgħid li **l-faċilita' proposta timmira li tittratta ż-żibel kollu tad-djar ta' Malta u Għawdex**, bil-għan li jiġi riċiklat u rkuprat żibel kemm jista' jkun possibbli, u konsegwentament jitnaqqas l-ammont ta' żibel tad-djar li jkollu jintrema fil-landfill.

Biex żgur ħadd ma jaħseb li qiegħed nivvinta sejjer nikkwota kelma b'kelma r-raba' paragrafu li jinsab fl-Introduzzjoni 1.1 paġna 1. Dan jgħid li,

"**A redevelopment of the existing waste treatment and composting facility is therefore proposed, with funding provided in part by the European Commission. The proposed facility would aim to treat all the household waste produced in Malta and Gozo, with a view to recycling and recovering as much waste as possible, and consequently reducing the amount of household waste landfilled**."

Jiena issottolinjajt parti mill-paragrafu biex nuri kif l-istess rapport qiegħed jgħid li l-impjant ta' Sant'Antnin meta jitkabbar għandu jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex.

Għaldaqstant, min qiegħed jgħid li dan mhux veru sejjer jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex qiegħed jigdeb, għaliex ir-rapport stess li kkummissjonat il-Wasteserve qiegħed jgħid hekk.

Mela hawnhekk diġa' għandna min irid iqarraq bir-residenti ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun bil-kwantita' ta' żibel li hemm ippjanat li jiġi ttrattat fl-impjant ta' Sant'Antnin.

Għalfejn irid iqarraq jekk kif qiegħed jingħad l-impjant suppost li ma jagħmilx irwejjaħ għaliex sejjer juża l-aħħar teknoloġija?

Mela la jrid iqarraq sinjal li sejjer jikkawża ntejjen akbar milli hemm s'issa, li huwa naturali jekk minn 25,000 tunellata sejjer jibda jittratta 200,000 tunellata, jigifieri 8 darbiet aktar kif se naraw aktar 'il quddiem.

**Impjanti**

Hemm il-ħsieb li l-impjant ta' Sant'Antnin ikun jista' jintuża għal diversi affarijiet, u għal dan il-għan ir-rapport jgħid li hemm il-ħsieb li jkollu 4 impjanti għal diversi operazzjonijiet kif ġej.

**Materials Recycling Facility**

Din il-faċilita' hemm il-ħsieb li tagħżel materjal riċiklabbli li jkun miġbur separatament bħal ma huwa l-ħġieġ, karta, metalli u plastik. Dawn il-materjali jinġabru mid-djar jew postijiet fejn jittieħdu min-nies. Huwa ppjanat li din il-faċilita' jkollha kapaċita' ta' **36,000 tunellata fis-sena**.

## Mechanical Treatment Plant

Din il-faċilita' hija maħsuba li tirċievi ż-żibel li ma jkunx magħżul biex jintagħżel. għal dan il-għan hemm il-ħsieb li tiġi rranġata l-faċilita' li hemm, imma kif sar magħruf, l-impjant kollu sejjer jitwaqqa u jerġa' jinbena mill-ġdid.

Ir-rapport jgħid li din il-faċilita' hija maħsuba biex tittratta **130,000 tunellata fis-sena**.

## Digestion Plant

Din il-faċilita' hija maħsuba biex tittratta żibel biodegradabbli li jkun ġie miġbur separatament, u possibilment żibel biodegradable li jkun ġie magħżul mill-faċilita' ta' qabel, jiġifieri l-Mechanical Treatment Plant, biex jiġi prodott il-kompost.

Jingħad li din il-faċilita' sejra tintuża biex tiġġenera "elettriku aħdar", jiġifieri li l-ġenerazzjoni tiegħu ma tagħmlix ħsara għall-ambjent, u biex tipprovdi sħana għall-impjant. Din il-faċilita' jkollha kapaċita' li tittratta 35,000 tunellata fis-sena.

## Composting Plant

Din il-faċilita' taħdem (compost) il-prodott tad-Digestion Plant, u tkun kapaċi wkoll taħdem (composting) materjal organiku. Din il-faċilita' tista' ssir fi stadji skond ma jkun hemm ħtieġa u tittratta ż-żibel mill-Mechanical Treatment Plant u d-Digestion Plant.

## Kapaċita'

Ir-Rapport ikompli jgħid li l-impjant huwa disinjat biex jaħdem il-massimu ta' 200,000 tunellata fis-sena, għalkemm għall-bidu jkun inqas. Bħala eżempju, matul l-ewwel snin ta' operazzjoni, huwa pprogrammat li jirċievi 35,000 tunellata ta' affarijiet riċiklabbli xotti (dry recyclables), u 36,000 tunellata ta' żibel organiku. Wara d-dħul taż-żibel jista' jitla'.

L-istess paragrafu jgħid li d-disinn ta' l-impjant huwa ta' 35,000 tunellata organika + 36,000 dry recyclables, għalkemm dan jista' jitkabbar biex jittratta ż-żibel kollu ta' 200,000 tunellata fis-sena.

Biex ħadd ma jaħseb li qiegħed nivvinta, se nikkwota bl-Ingliz l-aħħar paragrafu fil-pagna 1 u 2 tar-Rapport. Dan jgħid li,

**"The plant as a whole is designed to operate at a maximum of 200,000 tons per annum, although in the short term the levels of throughput would be significantly less. For example during the first years of operation the site is programmed to receive 35,000 tonnes of dry recyclables, and 36,000 tonnes of organic waste. Thereafter the waste inputs may rise. The design of the plant is 35,000 (organic fraction) + 36,000 (dry recyclables), though this may be extended to treat the entire waste stream of 200,000 tonnes per annum. This shall depend on various factors, including the rate of waste growth and the impact of legislation including the recent introduction of the Eco-Contribution tax. However to ensure a robust worst case assessment of impacts has been undertaken this assessment assumes that full capacity of the plant (200,000 tpa)**

**has been achieved. It should therefore be noted that all the assessments are calculated on this worst case basis**."

Anki hawnhekk issottolinjajt xi affarijiet biex nuri li kif jingħad fl-istess rapport hemm il-ħsieb li jibda jiġi ttrattat iż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex fl-Impjant ta' Sant'Antnin.

Mela hawnhekk qed naraw bl-aktar mod ċar li r-Rapport stess jgħid li anki fil-bidu huwa ppjanat li mill-inqas l-ammont ta' żibel li jibda' jirċievi l-impjant ta' Sant'Antnin sejjer ikun tliet darbiet akbar milli huwa llum.

Kif diga rajna, l-impjant huwa disinjat biex jittratta 200,000 tunellata fis-sena, u ma giex disinjat hekk għalxejn.

**Taxxa**

Tajjeb li ninnutaw li b'dan ir-Rapport il-Gvern Nazzjonalista inqela b'żejtu għaliex dan ir-Rapport ma qagħadx idur mal-lewża, imma sejjaħ l-Eco-Kontribuzzjoni bħala **taxxa**, kontra dak li qalu l-kelliema Nazzjonalisti.

Dan ikompli juri l-qerq tal-kelliema Nazzjonalisti li saru esperti kif iġiegħlu l-poplu Malti jħallas numru kbir ta' taxxi taħt xi isem li jkun jidher sabiħ, imma li xorta waħda tfisser taxxa li l-poplu jkollu jdaħħal idejgħ fil-but biex iħallasha.

**Żvilupp**

Fil-pagna 2 tar-Rapport ikompli jingħad li l-apparat meħtieġ biex jittratta l-kwantita' kollha, "full quantity", jista' jiġi ffokat fl-area fis-sit eżistenti ta' Sant'Antnin. L-iżvilupp kollu propost isir fl-istess post u jkun jikkonsisti minn numru ta' bini industrijali bħall-istrutturi eżistenti, flimkien ma biċċiet iżgħar ta' impjant u apparat.

**Kompetizzjoni**

Ir-Rapport jgħid li biex tintalab l-għajnuna mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea jinħtieġ li l-proċedura tal-ksib (biex jitwaqqa, jinbena u jinkiseb l-apparat meħtieġ) għandha tipprovdi għal teknoloġiji u faċilitajiet differenti biex tiżgura kompetizzjoni suffiċjenti.

Hawnhekk għandna kontradizzjoni oħra, għaliex waqt li l-Ministru Pullicino u l-akkolti tiegħu qiegħdin jgħid li t-teknoloġija li sejra tintuża tnaqqas l-impatt u l-intejjen, l-istess Rapport jgħid li l-proċedura biex jinkiseb kollox trid tipprovdi għal teknoloġiji u faċilitajiet differenti minħabba l-kompetizzjoni. Jekk ma jsirx hekk, ma tingħatax għajnuna mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Mela anki hawnhekk ir-Rapport stess ikkummissjonat mill-Kumpanija Wasteserve u magħmul minn kumpanija barranija qiegħed igiddeb lill-Ministru Pullicino u l-akkolti l-oħra.

Biex żgur ħadd ma jaħseb li qiegħed nivvinta, se nikkwota l-ewwel sentenza tat-tielet paragrafu f'paġna 2 tar-Rapport. Dan jgħid li,

“**The process of claiming financial assistance from the European Commission requires that the eventual procurement procedure should allow for the provision of alternative technologies and facilities in order to ensure sufficient competition**.”

Ir-Rapport ikompli jgiddeb lil Pullicino u l-akkolti l-oħra għaliex jgħid li għal dan il-għan, il-proposti ta’ żvilupp huma magħmula mingħajr ma jkunu preskrittivi mhux raġonevolment (unreasonably prescriptive) għall-forma eventwali tat-teknoloġija u apparat magħżul.

Mela anki hawnhekk ir-Rapport juri bl-aktar mod ċar li kull min qiegħed jgħid li t-teknoloġija u l-apparat li se jintużaw sejrin inaqqsu l-inkonvenjent qiegħed jigdeb għaliex l-ewwel iridu joħorġu l-offerti u wara tintagħżel it-teknoloġija u jintagħżel l-apparat.

X’jigri jekk jiġri bħal ma ġara fl-Isptar Mater Dejn u jkun hemm teknoloġiji differenti u jqumu kwistjonijiet fuq jekk intagħzlitx l-aħjar teknoloġija u l-aħjar kumpanija li hemm fis-suq?

X’jiġri jekk xorta waħda jkun hemm l-intejjen?

Fil-każ tal-Mater Dejn ma kienx hemm imdaħħla l-Unjoni Ewropea, imma fil-każ ta’ l-impjant ta’ Sant’Antnin se tkun imdaħħla.

Jekk isir it-taħwid kif sar fil-Mater Dejn addio għajnuna finanzjarja.

La qegħdin fuq l-għajnuna finanzjarja, l-Unjoni Ewropea ma tħallasx qabel, imma wara li l-affarijiet ikunu saru, tara l-kontijiet kollha, tara li kollox kien trasparenti, li kien hemm kompetizzjoni ma’ l-Unjoni Ewropea kollha, li l-offerti magħżula kienu l-aħjar u l-irħas, li x-xogħol sar kif suppost, li sar kollox, u affarijiet oħra.

Għaldaqstant, l-ispejjeż kollha se joħroġhom il-poplu Malti, u jkun biss wara li l-Unjoni Ewropea taċċerta ruħha li kollox ikun sar kif suppost li hija toħroġ dak li tkun ftiehmet qabel.

Fi kliem ieħor, tagħmel dak li suppost jagħmel kull min huwa risponsabbli meta jkun qiegħed joħroġ flus li m’humiex tiegħu, mhux bħal ma jsir hawn Malta li flus il-poplu jiġu mberbqa mill-Gvern mingħajr ħadd ma jieħu risponsabbilta’ tat-tberbiq.

Issa jekk kif qiegħed jingħad li l-Unjoni Ewropea diġa’ bagħtet il-flus, dan juri r-rispett li l-Unjoni Ewropea għandha lejn ir-residenti ta’ Wied il-Għajn, Iż-Żejtun u Ħaż-Żabbar.

**<u>Osservazzjoni Dwar il-Pjanti</u>**

Tajjeb li jingħad li mar-Rapport hemm mehmuża diversi pjanti. Wieħed mid-difetti kbar li għandu dan ir-Rapport huwa li l-kejl mill-impjant għall-bini m’huwiex imkejjel mit-trufijiet ta’ l-impjant, imma miċ-ċentru tiegħu.

Għaldaqstant, dan huwa l-ewwel difett li wieħed irid jagħti kasu għaliex fil-fatt il-bini huwa aktar viċin l-impjant milli jidher fuq pjanti li hemm fir-rapport. Jekk tiksbu

kopja tar-Rapport hemm l-iskala u meta tkejjlu mit-trufijiet ta' l-impjant tindunaw mill-ewwel dak li qiegħed ngħid.

Dawn l-affarijiet tajjeb li tkunu tafu bihom għaliex huma mportanti ħafna speċjalment għan-nies li joqogħdu fl-inħawi.

Fil-fatt, jekk wieħed jieħu l-pjanti mmarkati SA 2/1 u SA 8/1, minħabba li l-500 metru huma meħuda miċ-ċentru ta' l-impjant, jidher li r-Razzett tal-Ħbiberija ma jinqabadx fil-500 metru.

Madankollu, jekk wieħed ikejjel mit-trufijiet ta' l-impjant, jew aħjar mit-truf tat-tinda, l-kbira, ir-Razzett tal-Ħbiberija jinqabad kważi kollu fir-raġġ ta' 500 metru.

L-istess jista' jingħad għall-bini tal-Housing Estate li hemm faċċata tar-Razzett tal-Ħbiberija.

Miċ-ċentru ta' l-impjant tinqabad ponta zgħira, imma mit-truf tat-tinda jinqabdu diversi blokki u toroq sħaħ ta' bini.

Huwa nteressanti li nkunu nafu għaliex intuża kejl ta' 500 metru.

Aktar tard fir-Rapport jingħad li dawn huma l-aktar proprjetajiet li l-impjant jista' jaffettwahom.

Madankollu, il-ħsejjes li jistgħu jdejjqu n-nies ma jaslux aktar 500 metru?

U l-intejjen, spori u bacteria kemm jaslu 'l bogħod, 500 metru biss?

U dawk li joqgħodu kif taqsam it-triq u jinsabu inqas minn mitt metru mill-impjant x'se jagħmlu?

Jekk imbagħad wieħed jieħu l-bini li jinsab fit-triq tar-Ramla, dan jinsab **ftit aktar minn 400 metru** mill-impjant kif inhu bħalissa.

Il-Housing Estate ta' Ganza fiż-Żejtun **jinsab anqas minn 700** metru 'l bogħod mill-impjant.

Barra minn hekk, jekk tassew il-Gvern irid jew qiegħed fi ftehim biex jixtri l-barriera ta' Wied iz-Ziju, u m'hemmx dubju li tibda tintuża biex jew l-impjant ikompli jitkabbar aktar 'il quddiem u anki biex jinħażen iż-żibel fiha, il-bini fit-triq tar-Ramla jiġi **anqas minn** **200 metru** 'l bogħod, waqt li l-Housing Estate ta' Ganza jiġi **kollu jew kważi kollu fir-raġġ ta' 500 metru**.

## Intejjen

In-nies ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun jafu bit-tbatijiet li għaddew minnhom qabel.

Aktar u aktar jgħaddu minn tbatijiet kbar jekk l-impjant jitkabbar biex jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex li jfisser li jittratta mill-inqas 8 sa 10 darbiet aktar milli jittratta llum.

Fil-fatt, l-istess Rapport f'paġna 7 jgħid li s-sit kien maħsub oriġinarjament biex jopera sistema ta' composting, imma minħabba kwistjonijiet ambjentali, jiġifieri problemi ta' rwejjaħ, is-sistema inbidlet ma oħra, u konsegwentament tnaqqas l-ammont minn 80,000 għal 25,000 tunellata ta' żibel fis-sena. Bl-Ingliz,

**"The initial waste management activities at Sant'Antnin commenced in 1993 with the development of the main composting and Mechanical Treatment Plant (MTP) operations. The site was originally intended to operate using a windrow composting system with forced aeration. However due to environmental problems (odour problems) the windrow system was replaced by the enclosed Eco-Pod system, consequently reducing the throughput from the original 80,000 tonnes per annum to 25,000 tonnes of municipal waste per annnum."**

F'paġna 8 jiġi kkonfermat indirettament li dan l-impjant sejjer jittratta 200,000 tunellata żibel fis-sena, tant li jgħid li l-area tal-faċilita' hija ta' madwar 47,000 metru kwadru u li l-proposta li jittratta 200,000 tunellata fis-sena jkun jinħtieġ żieda sinjifikanti fil-kapaċita' ta' l-impjant.

Anki fl-pagna 10 tar-Rapport jingħad li l-Gvern iddeċieda li jimmodifika u jirranġa l-impjant ta' Sant'Antnin biex jirċievi kwantita' akbar ta' żibel organiku ġenerat f'Malta u Għawdex.

Anki f'paġna 20 ikompli jiġi kkonfermat li l-impjant ta' Sant'Antnin irid jittratta 200,000 tunellata żibel fis-sena.

**Miri tal-Gvern**

Jekk inħarsu lejn x'jingħad fil-paġna 19, punt 4.6, insibu li jingħad li huwa stmat li bħalissa qiegħed jiġi ġenerat madwar 200,000 tunellata ta' żibel domestiku fis-sena.

Ikompli jingħad li jekk wieħed iqabbel mal-figuri ta' l-1995, 140,000 tunellata jkun żibel biodegradabbli fis-sena, u jekk titqabbel mal-figuri li jinħtieġ biex jintlaħqu l-miri tad-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea msemmija fil-paragrafi ta' qabel li jitnaqqas iż-żibel fil-landfills, wieħed jara l-ammont li jrid jiġi ttrattat.

Ikompli jingħad li bħalissa, l-unika faċilita' li qiegħda tittrattat ż-żibel biodegradabbli huwa l-impjant ta' Sant'Antnin, u li għalhekk jinħtieġ tkabbir sinjifikanti, jiġifieri mhux żgħir, fil-kapaċita' tiegħu biex jintlaħqu l-miri.

Biex ħadd ma jgħid li mhux qiegħed ngħid is-sewwa, bl-Ingliż jingħad li,
**"Currently it is estimated that there is around 200,000 tonnes of municipal waste generated per annum. Using the 1995 split of biodegradable and non-biodegradable this equates to 140,000 tonnes of biodegradable waste being generated per annum. A comparison of this figure with the targets emphasises the scale of the diversion from landfilling that needs to occur to meet the targets. Currently the only facility that is treating biodegradable waste is the Sant'Antnin plant. It is clear that a significant increase in the capacity of this plant is required to meet the targets**."

Huwa ċar daqs il-kristall li l-impjant ta' Sant'Antnin il-Gvern Nazzjonalista jrid ikabbru biex jittratta dan l-ammont ta' żibel biodegradable għaliex hemm il-miri li

jridu jintlaħqu skond id-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea, u mhux inqas kif qiegħed jingħad mill-Ministru u anki f'postijiet oħra ta' l-istess Rapport fejn tingħata figura inqas.

Mela fejn fl-istess Rapport jingħataw figuri differenti jew sar hekk apposta biex in-nies jiġu ngannati, jew inkella dawn juru l-kwalita' tar-Rapport li għalih tħallsu eluf kbar ta' liri mit-taxxi tagħna.

Dan mhux biżżejjed, għaliex f'paġna 20 jingħad li jekk jittieħdu l-figuri ta' 140,000 tunellata, iktar minn 70,000 tunellata ta' żibel biodegradabbli jkun irid jiġi mdawwar minn landfills sa l-2010, li jitla' għal madwar 110,000 tunellata fl-2010 jekk iridu jintlaħqu l-miri nazzjonali u Ewropej. Il-kelma Ewropej tfisser l-Unjoni Ewropea.

Jingħad ukoll li l-impjant ta' Sant'Antnin ikun jipprovdi faċilita' bil-potenzjal ta' kapaċita' li tittratta dan il-livell ta' żibel, jiġifieri 110,000 żibel biodegradabbli. Bl-Ingliż,

"**Based on the current estimated volume of municipal solid waste (200,000 tpa), and the previously calculated proportion of biodegradable waste (70% - 140,000 tonnes) <u>then over 70,000 tonnes of biodegradable waste would need to be diverted from landfill by 2010, rising to around 110,000 tonnes in 2020, if European and national targets are to be met. The proposed Sant Antnin facility would provide a facility with the potential capacity to process this level of waste</u>. In addition the plant will remove recyclable materials such as metals, plastics etc which will produce a usable resource and maximise the life of available landfill capacity**."

Hawnhekk qiegħed jitkellem dwar żibel biodegradabbli li jagħmel l-intejjen, mhux żibel li jista' jiġi riċiklat bħal ma huma metalli, karta u plastik.

L-istess Rapport qiegħed igiddeb lill-Ministru Pullicino.

Tgħid għalhekk ħadd ma wieġeb meta ingħad minn xi ħadd waqt il-laqgħa f'Wied il-Għajn li kien intwera interess li l-Gvern jieħu l-barriera ta' Wied iz-Ziju, biex aktar 'il quddiem l-impjant ikollu fejn jitkabbar aktar?

Ir-Rapport jgħid li l-Istrateġija taż-Żibel tal-Gvern għala jrid ikabbar l-impjant ta' Sant'Antnin hija li,

- Jirċievi u jipproċessa volum akbar ta' żibel organiku ġenerat f'Malta u Għawdex u jipproduċi prodotti ta' kompost ta' kwalita' raġonevolment għolja għall-użu lokali.

- Jirċievi, jagħżel u jipproċessa volum akbar ta' materjali xotti riċiklabbli ġenerati f'Malta u Għawdex, għall-użu lokali u/jew esportazzjoni.

- Jirċievi u jipproċessa proporzjon kbir tal-volum ta' ħama tad-drenaġġ li jirriżulta mill-impjanti maħsuba tat-trattament tad-drenaġġ.

Bl-Ingliż,

- Receiving and processing a larger volume of organic wastes generated in Malta and Gozo, and producing reasonably high quality compost products for local use.

- Receiving, sorting and processing a larger volume of dry recyclable materials generated in Malta and Gozo, for local use and/or export.

- Receiving and processing a large proportion of the volume of sewage sludge resulting from the intended sewage treatment plants.

Mela anki hawnhekk għandna prova oħra li l-Gvern Nazzjonalista jrid li l-impjant ta' Sant'Antnin jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex.

Barra minn hekk, innutaw kif fl-aħħar sentenza jingħad li l-impjant irid jittratta l-parti l-kbira tal-ħama tad-drenaġġ li jibqa' wara li jkun ġie ttrattat mill-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ li hemm maħsuba.

Hawnhekk tajjeb li nagħmlu xi mistoqsijiet.

L-impjanti fejn se jsiru?

Jaqaw hemm il-ħsieb li jkompli jitkabbar anki l-impjant tat-tisfija tad-drenaġġ?

Jew hemm il-hsieb li jsiru impjanti oħra fi nħawi oħra?

U jekk iva, fejn?

U jekk se jsiru fi nħawi oħra, għalfejn il-ħama li jibqa għandu jinġieb ġewwa l-impjant ta' Sant'Antnin biex jiġi ttrattat hawnhekk ukoll?

Jekk ir-residenti ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun se jħallu lill-Gvern jgħaddi minn fuqhom se jkollhom mhux biss ixommu l-intejjen taż-żibel u jbatu mill-ħsara għal saħħithom, imma se jkollhom anki jitqannew bl-intejjen tal-ħama tad-drenaġġ li l-Gvern Nazzjonalista jrid iġib fl-istess impjant.

Għalhekk, anki jekk l-impjanti tat-tisfija tad-drenaġġ isiru fi nħawi oħra, ir-residenti ta' l-inħawi kollha minn fejn jgħaddu t-trakkijiet mgħobbijin bil-ħama tad-drenaġġ iridu jlestu ruħhom biex ma' l-intejjen taż-żibel ixommu wkoll l-irwejjaħ tal-ħama tad-drenaġġ.

Dan huwa dak li qiegħed jippjana l-Gvern Nazzjonalista għar-residenti tan-naħa t'isfel ta' Malta.

**<u>Gvern Ineffiċjenti</u>**

Biex il-Gvern Nazzjonalista jkompli jingħata ċertifikat ta' l-inefficjenza tiegħu, ir-Rapport ikompli jgħid li l-Istrateġija taż-żibel tal-Gvern issostni għal kollox l-iżvilupp mill-ġdid u l-upgrading ta' l-impjant ta' Sant'Antnin, u l-mira tad-data biex jitlesta l-upgrading kienet fi tmiem is-sena 2003. Bl-Ingliż,

“**The Governments’ Waste Strategy fully supports the redevelopment and upgrading of the Sant’Antnin plant, and the target date for the completion of the upgrading was the end of 2003**.”

Mela jekk l-upgrading kellu jkun lest fl-aħħar tas-sena 2003, kif issa qiegħed jingħad li jrid isir upgrading?

Sar jew ma sarx?

U jekk sar, għalfejn l-intejjen baqgħu jinxtammu?

Jekk sar l-upgrading, għalfejn issa huwa ppjanat li jitwaqqa kollox u jerġa’ jinbena kollox mill-ġdid?

Dan ma jfissirx ħela, tberbiq u sparparjal ta’ flus għaliex dak kollu li sar jispiċċa fix-xejn u jkollu jsir kollox mill-ġdid mit-taxxi tagħna?

Dan ma huwa xejn ħlief ħela, sparpaljar u tberbiq ta’ flus il-poplu mingħajr l-ebda risponsabbilta. Min se jwieġeb għal dawn l-affarijiet, jew aħjar ħniżrijiet sur Ministru?

Issa l-poplu Malti qiegħed jingħata provi oħra minn kumpanija barranija ta’ kif il-Gvern Nazzjonalista qiegħed iberbaq, jisparpalja u jaħli l-flus, bħal ma anki għamel fix-xiri ta’ l-Ambaxxata Maltija fi Brussell.

Issa anki r-residenti tan-naħa t’isfel ta’ Malta speċjalment Ħaż-Żabbar, Wied il-Għajn u ż-Żejtun kif ukoll dawk kollha li t-trakkijiet taż-żibel sejrin jgħaddu mit-toroq tagħhom għandhom għalfejn jirringrazzjaw lill-Gvern Nazzjonalista talli jrid ikompli jkabbrilhom l-intejjen u l-mard għalihom u għal uliedhom.

Tinsewx li dan huwa proġett li għalih sejra tinġieb l-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea.

Mela jekk dan il-proġett isir ifisser li anki l-Unjoni Ewropea trid u sejra tkun kompliċi fid-diżastru ambjentali li l-Gvern Nazzjonalista jrid ikompli jagħmel fin-naħa t’isfel ta’ Malta, flimkien mit-twaqqih fil-valur tal-proprjeta’ u fil-mard li jirriżulta minn dan id-diżastru ambjentali.

**<u>Inċineratur u Skart Velenuz</u>**

F’pagna 20 jingħad ukoll li trid issir faċilita’ oħra ta’ trattament bis-sħana (thermal treatment) li tirkupra wkoll l-enerġija biex jitnaqqas l-ammont ta’ rimi fil-landfills.

Hawnhekk ma jingħadx x’inhi din il-faċilita’, biex wieħed jaħseb li qiegħda ssir referenza għall-impjant li jikseb il-biogas jew jaħdem bil-biogas.

Madankollu, b’hekk biss il-volum mhux se jitnaqqas.

Għalhekk ir-residenti jridu jlestu ruħhom biex ma’ l-intejjen taż-żibel u l-periklu tal-ħażna tal-biogas ilaqqtu wkoll l-intejjen u d-dħaħen ta’ inċineratur biex jaħraq iż-żibel u juża s-sħana ġġenerata biex jikseb l-enerġija billi jiġġenera l-fwar biex iħaddem turbini li jiġġeneraw l-elettriku kif isir fil-power stations.

Id-differenza hija li waqt li power station normalment tuża faħam, żjut u affarijiet oħra, biex ma nsemmux l-enerġija nukleari, din tkun qed tuża ż-żibel li jinħaraq biex anki jitnaqqas l-ammont ta' rimi fil-landfill kif jingħad fl-istess rapport.

Ikompli jingħad li dan għandu jsir mhux aktar tard mis-sena 2011, jew possibilment qabel, imma jiddependi fuq tibdil futur fuq il-volum u affarijiet ohra, fosthom kif jaħdmu l-faċilitajiet proposti.

Dan huwa paragrafu mill-aktar importanti, għaliex waqt li jingħad li dan għandu jsir mhux aktar tard mis-sena 2011, jintqal li dan jiddependi, fost affarijiet oħra, fuq il-volum taż-żibel.

**<u>Fuel Velenuż</u>**

X'jiġri jekk ma jkunx hemm volum biżżejjed ta' żibel?

Tgħid jibda jinġieb "fuel" minn barra li ma jkun xejn għajr żibel industrijali li jkun ġie ttrattat, imma li fil-fatt ikun fih hafna kimiċi velenużi u metalli tqal u għalhekk jitqies bħala skart tossiku, jiġifieri velenuż, li l-pajjiżi Ewropej ma jkunux iridu jinħaraq f'pajjiżhom?

Dawn l-affarijiet m'għandniex għalfejn niskantaw bihom, għaliex kien hemm hafna każi fejn pajjiżi industrijalizzati ta' l-Unjoni Ewropea kienu jesportaw dan it-tip ta' materjal li nstab li kien imniggeż b'ħafna kimiċi u kien meqjuż bħala skart tossiku anki b'xejn, lejn pajjiżi tat-tielet dinja biex jinħaraq u jintuża fil-power stations.

Kienu jbiegħulhom anki l-impjanti li jaħarqu dan l-iskart perikoluż u kienu jgħidulhom li dan jiġġenera l-enerġija b'xejn mill-iskart, minkejja li dawn l-impjanti kellhom jitneħħew, jiġu phased out, mill-pajjiżi żviluppati.

B'hekk kienu jiġġustifikaw iż-żibel velenuż li kienu jibgħatulhom.

Tgħid hemm il-ħsieb li jinġieb jew "jingħata" xi impjant minn dawn li jipproduċi l-enerġija elettrika billi jaħraq l-iskart?

Tgħid hemm il-ħsieb li skart bħal dan jibda jiġi mpurtat għaliex l-ammont ta' żibel ma jkunx biżżejjed biex l-impjant li suppost ikun jiġġenera l-enerġija b'xejn jaħdem b'effiċjenza?

Qed taraw kemm l-affarijiet jibdew jingħaqdu flimkien waħda ma' l-oħra aktar ma tara x'ġara f'pajjiżi oħra?

Tgħid għalhekk hemm xi ħaġa tinten dwar il-barriera ta' Wied iz-Ziju?

**<u>Skart Velenuż mill-Ewropa</u>**

Huma diversi dawk l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li minkejja li kienu ffirmaw il-Basle Convention on the Control of Transboundary Movements of Hazardous Wastes and Their Disposal, Basel, tat-22.03.1989, u li daħlet fis-seħħ fl-24.05.1992, u ppubblikata 28 ILM 657 (1989), inqabdu jibgħatu skart tossiku fil-forma li semmejt lejn pajjiżi oħra, speċjalment tat-tielet dinja.

Fil-fatt, il-Konvenzjoni kienet saret minħabba dawn l-abbużi kbar li l-pajjiżi industrijalizzati kienu qed iwettqu u l-mard u t-tniggiż li kienu qed jikkawżaw f'pajjiżi fqar tat-tielet dinja, li la kienu jafu x'qiegħed isir u lanqas kellhom it-teknoloġija biex ikunu jafu.

Skond rapporti lill-Ispecial Rapporteur tal-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, mhux biss il-pajjiżi ta' l-OPEC jiġġeneraw iktar minn 300 miljun tunellata fis-sena u iktar minn 95% ta' l-iskart perikoluż, imma li l-ikbar esportaturi ta' dan l-iskart kienu il-Ġermanja, l-Olanda, l-Istati Uniti, ir-Renju Unit u l-Awstralja.

Ma dawn iridu jiżdiedu l-Awstrija, Franza, l-Isvezja u l-Italja li wkoll huma Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Min irid jista' jara r-rapport tal-Commission on Human Rights, 54$^{th}$ Session, Item 5, para. 54.

Tant kien qiegħed isir rimi ta' skart perikoluż fl-Afrika, biex nieħdu eżempju, li l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda kienet għaddiet riżoluzzjoni fl-1988 li fiha kkundannat ir-rimi ta' skart nukleari u industrijali perikoluż fl-Afrika. Din kienet UNGA Resolution 43/75, tas-7$^{th}$ Dicembru 1988.

Dan wassal ukoll biex kienet saret il-Bamako Convention on the Ban of the Import into Africa and the Control of Transboundary Movement of Hazardous Wastes within Africa fl-20.01.1991.

Anki fi nħawi oħra kienu qed isiru dawn l-affarijiet, tant li fl-1995 sar ukoll il-Waigani Treaty on Hazardous and Toxic Wastes.

Min irid aktar informazzjoni dwar dawn l-affarijiet jista' jara t-teżi tas-Sur Augustus Debono.[1]

Barra minn hekk, fost konvenzjonijiet oħra, hemm ukoll il-Convention on Civil Liability for Damage Resulting from Activities Dangerous to the Environment, Lugano, 21.VI.1993 CE ETS No 150, tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

B'dispjaċir ngħid li l-Gvern Malti ma ffirmax din il-konvenzjoni minkejja li jiftaħar li jħobb l-ambjent u għandu l-Ministru ta' l-Ambjent. Sewwa jgħid il-qawl Malti li "**bejn kliem u fatti hemm baħar jikkumbatti**".

Jekk il-Gvern Nazzjonalista tassew għandu għal qalbu l-ambjent u ma jibżax li xi ħadd ifittxu għad-danni, għalfejn ma jiffirmax u jirratifika din il-konvenzjoni?

Jekk il-Gvern Nazzjonalista tassew għandu għal qalbu l-ambjent, għalfejn ma jiffirmax u jirratifika l-Convention on the Protection of the Environment through Criminal Law, Strasbourg, 4.XI.1998, ETS 172 tal-Kunsill ta' l-Ewropa?

[1] "Prevention of Pollution of the Sea by Transboundary Movements of Hazardous Wastes and their Disposals - A Maltese / Mediterranean Perspective" A Thesis by Augustus Debono, presented to the University of Malta for the Degree of Magister Juris in International Law, June 2001

Jekk il-Gvern Nazzjonalista tassew għandu għal qalbu l-ambjent, għaliex għadu ma rratifikax il-European Landscape Convention, Florence, 20.X.2000, ETS 176, tal-Kunsill ta' l-Ewropa li kien iffirma fl-istess jum?

## Il-Papa Ġwanni Pawlu II

Tant saru abbużi serji mill-pajjiżi industrijalizzati inklużi dawk ta' l-Unjoni Ewropea, li anki l-Papa ħass li kellu jikkundanna dan l-aġir. Fit-22 ta' Ottubru 1993, il-Papa Ġwanni Pawlu II qal li,

"**Huwa abbuż gravi u offiża kontra s-solidarjeta' ta' l-umanita' meta intrapriżi industrijali ta' pajjiżi sinjuri japprofittaw minn ekonomiji u legislazzjoni dgħajfa ta' pajjiż ifqar billi jesportaw teknoloġiji u skart maħmuġ li jiddegrada l-ambjent u s-saħħa tal-popolazzjoni**."

## Programmi ta' Riċiklaġġ

Tajjeb li jingħad li skond il-Commission on Human Rights, 54th Session, Item 5 para. 62, kien hemm proliferazzjoni ta' hekk imsejħa esportazzjoni "**legali**" ta' skart għal "**programmi ta' riciklaġġ**".

Dan għaliex, bħala eżempju, il-pajjiżi fqar tat-tielet dinja ma kellhomx liġijiet dwar l-ambjent u l-immaniġġjar ta' skart velenuż, u għaldaqstant ma kienux jipprojbixxu li skart velenuż jiġi mpurtat f'pajjiżhom.

Ma dan wieħed irid iżid il-politiċi u negozjanti korrotti mingħajr l-ebda skruplu li wieħed mhux biss isibhom f'pajjiżi avvanzati, imma jsibhom aktar u aktar f'pajjiżi foqra tat-tielet dinja.

Għaldaqstant, il-poplu Malti kollu speċjalment dawk fl-inħawi tan-naħa t'isfel ta' Malta jrid joqgħod attent għal xi manuvra bħal din li tista' twassal biex jibda jinġieb dan it-tip ta' skart f'Malta.

## Kapaċita' Sħiħa

Biex nerġgħu lura lejn l-impjant tar-riċiklagg ta' Sant'Antnin, fir-Rapport tal-Kumpanija Ngliża jingħad li jekk jingħataw il-permessi meħtieġa, il-kostruzzjoni tibda fl-2006, liema data tiżgura li din il-faċilita' tkun kompluta u taħdem bil-kapaċita' sħiħa fl-2011.

Mela jekk il-faċilita' tkun kompluta u taħdem bil-kapaċita' sħiħa fl-2011 kif qiegħed jgħid l-istess Rapport, dan ma jfissirx li tkun qed tittratta aktar minn 200,000 tunellata żibel biodegradabbli u mhux fis-sena u li għalih l-impjant ġie disinjat?

Tgħid għalhekk meta l-Ministru Pullicino ġie mistoqsi dwar l-intejjen u jekk jistax jiggarantixxi li l-impjant ma jibdiex jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex ma riedx jiggarantixxi xejn bl-iskuża li ma jistax jiggarantixxi x'jagħmlu l-Ministri li jiġu warajh?

Jekk tassew hemm il-ħsieb li l-impjant ma jttrattax dan iż-żibel kollu, u jekk il-Gvern Nazzjonalista u l-Ministru Pullicino tassew jemmnu fl-ambjent, għaliex ma jridx jagħti din l-assigurazzjoni?

Jew jaf li jagħti kemm jagħti assigurazzjonijiet ħadd ma huwa se jemmnu għaliex l-assigurazzjonijiet tagħhom ħadd aktar ma għadu jagħti kashom għaliex kulħadd jaf li ma jiswew xejn?

**Makakkerija**

Hawnhekk tajjeb li nfakkru x'ġara qabel ir-referendum u l-elezzjoni, meta l-Ministru Ninu Zammit kien għamel ħafna wegħdi u garanziji lill-bdiewa u lis-sajjieda dwar kemm se jkollhom benefiċċji kbar u kemm se jibdew jesportaw lejn is-suq kbir ta' l-Unjoni Ewropea.

Malli reġa' tela' l-Gvern Nazzjonalista, l-ewwel ma għamel il-Prim Ministru kien li bidel il-Ministri.

Dan ma għamlux għalxejn, imma kellu raġuni kbira għaliex kien jaf li kull ma kien ġie mwiegħed kien biss kollu gideb u qerq.

Dan għamlu biex jekk il-bdiewa u s-sajjieda jmorru jilmentaw ma' Ninu Zammit dwar li l-wiegħdi li għamlilhom qabel ma nżammux jgħidilhom li issa huwa m'għadux Ministru tal-Biedja s-Sajd u għalhekk mhux huwa risponsabbli.

Jekk min-naħa l-oħra l-bdiewa u s-sajjieda jmorru jilmentaw mal-Ministru l-ġdid li ngħata r-risponsabbilta' tagħhom jgħidilhom li huwa ma jaħtix għaliex ma kienx huwa li għamlilhom dawk il-wiegħdi foloz li sarulhom qabel l-elezzjoni.

Tgħid għalhekk il-Ministru Pullicino ma riedx jaggarantixxi li l-Ministri ta' warajh ma jagħmlux xi ħaġa differenti minkejja li huwa jkun għamel xi wegħda mar-residenti li qed joġġezzjonaw għat-tkabbir ta' l-impjant ta' Sant'Antnin, anzi jridu li jitneħħa minn hemmhekk, għaliex inkella jekk mhux pubblikament, imma fil-privat sħabu li jistgħu jiġu warajh ma jħalluhx bi kwietu?

Jew tassew hemm il-ħsieb li l-impjant mhux biss jibda jittratta ż-żibel kollu kif huwa ċar daqs il-kristall, imma li anki jitkabbar ġol-barriera ta' Wied iz-Ziju?

Il-bdiewa u s-sajjieda ħallew lil min iqarraq bihom bil-kbir, kif tqarrqu wkoll ħaddiema u nies tan-negozju minn kull settur tal-ħajja.

Inthom ir-residenti ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun se tħallu lil min qarraq b'daqstant nies jerga' jqarraq bikom ukoll?

**Il-Barriera ta' Wied iz-Ziju**

Hawnhekk se nerġa' nistaqsi kif kien hemm min staqsa waqt il-laqgħa organizzata mill-Kunsill ta' Wied il-Għajn, jekk huwiex veru li l-Gvern irid jixtri jew daħal f'xi ftehim biex jixtri l-barriera li hemm viċin l-impjant ta' Sant'Antnin, jiġifieri l-barriera ta' Wied iz-Ziju.

Jekk mhux veru li l-impjant ta' Sant'Antnin se jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex, għalfejn trid tinxtara l-barriera?

Mhux biex jitkabbar l-impjant u jkompli jersaq iżjed lejn iż-Żejtun ukoll?

Tafu li jekk jitkabbar u jmur ukoll fil-barriera jiġi inqas minn mitejn metru 'l bogħod mill-bini taż-Żejtun li hemm fit-Triq tar-Ramla?

Tafu li l-Housing Estata ta' Ganza jiġi kollu jew kważi kollu fir-raġġ ta' 500 metru mill-barriera?

U jekk jitkabbar u ma jkunx hemm żibel biżżejjed biex jaħdem b'effiċjenza, tgħid hemm il-ħsieb li jibda jiġi mpurtat tip ta' fuel irħis jew b'xejn li ma jkun xejn għajr żibel industrijali kontaminat kif semmejt aktar qabel biex jibda' jiġi maħruq għall-enerġija b'xejn taħt imnieħer ir-residenti?

## Il-Ħruq taż-Żibel

Ir-referanza għall-inċineratur biex jinħaraq iż-żibel m'għedtiex bl-addoċċ jew biex sempliċiment inkun għidtha, imma għaliex il-Ministru Pullicino stess kien semmih.

Skond rapport li deher fuq il-Malta Today tad-9 ta' Jannar 2005, il-Ministru Pullicino ġie rrapurtat li qal li l-ħruq taż-żibel biex jipprovdi l-enerġija u jitnaqqas il-volum minflok fl-2013 se javvanzah bi tmien snin, jiġifieri jibda jsir minn din is-sena, 2005.

Huwa ġie rrapurtat li qal li jekk impjant bħal dan jiġi mdaħħal f'Għawdex, impjant simili fuq skala ikbar jiġi mdaħħal f'Malta.

Qegħdin taraw għaliex fir-Rapport tal-Kumpanija Ngliza jingħad f'paġna 20 li trid issir faċilita' oħra ta' trattament bis-sħana (thermal treatment) li tirkupra wkoll l-enerġija biex jitnaqqas l-ammont ta' rimi fil-landfills?

Qegħdin taraw għaliex jingħad ukoll fl-istess Rapport li dan għandu jsir mhux aktar tard mis-sena 2011 u għalfejn il-Ministru Pullicino jrid jibdih minn din is-sena?

Qegħdin taraw għalfejn għamilt referenza għall-inċineratur u għalfejn tajt ftit informazzjoni dwar kif Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kienu u forsi għadhom jibgħtu minn taħt **żibel velenuż** biex "**jipprovdi enerġija b'xejn**" lejn pajjiżi tat-tielet dinja?

Qegħdin taraw fejn u kif tkun l-ipokrezija ta' min jipprova jidher bħala li huwa xi difensur kampjun biex jitħares l-ambjent?

B'min irid jgħaddi ż-żmien il-Ministru Pullicino li l-ewwel jagħmel inċineratur Għawdex imbagħad jagħmel ieħor Malta?

Jekk iż-żibel t'Għawdex qiegħed jinġieb kollu hawn Malta, x'jibqa biex jinħaraq f'Għawdex?

Ma ngħidx li jaħarqu l-kuxjenza, għaliex lanqas kuxjenza ma għandhom jew baqalhom min irid ikompli jnitten u jmarrad in-nies tan-naħa t'isfel ta' Malta.

Dawn huma l-affarijiet li l-Gvern Nazzjonalista jrid ikompli jitfa fin-naħa t'isfel ta' Malta li dejjem laqqtet l-agħar proġetti li jniġġsu l-ambjent u jagħmlu ħsara għas-saħħa tan-nies waqt li jkomplu jwaqqu l-valur tal-proprjeta'.

Għalfejn din il-ħdura kollha man-nies tan-naħa t'isfel ta' Malta?

Għalfejn tridu tkomplu tmarrduhom aktar milli marradtuhom?

Kemm ma taħmluhomx in-nies tan-naha t'isfel ta' Malta?

**<u>L-Għażla tal-WasteServ</u>**

Fil-paġna 21 tar-Rapport jingħad li kkunsidraw 4 alternattivi.

Ir-riżultat skond l-istess Rapport huwa li l-ewwel waħda ma kinitx prattikabbli, waqt li t-tlieta l-oħra kellhom bejn wieħed u ieħor l-istess impatti.

Fil-każi kollha l-impatt tat-traffiku huwa kkunsidrat li jkun għoli, minħabba l-ammont (throughput of the facility) taż-żibel li jiġi pproċessat, u l-irwejjaħ li jvarjaw minn medji għal għolja (medium to high). L-għażla tal-Wasteserve jingħad li hija taħlita ta' l-alternattivi 2 u 4.

Mela issa għandna l-istess Rapport tal-kumpanija Ingliża li jgħidilna li l-impatt fuq it-traffiku jkun għoli waqt li l-irwejjaħ jintnu jkunu medji jew għolja.

Tajjeb li ngħidu li fil-paġna 22 jingħad li raw ukoll tliet postijiet oħra imma bi skuża jew oħra jridu li l-impjant ta' Sant'Antnin jitkabbar biex ikun hawn li jibda jiġi ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex.

**<u>L-Iżvilupp Propost</u>**

Fil-paġna 24 għandna konferma oħra ta' kemm l-impjant se jkun iddisinjat biex jieħu ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex. Il-proġett għandu jkollu dawn l-elementi.

1. Material Recycling Facility (MRF) li tkun kapaċi tagħżel affarijiet riċiklabbli bħal ma huma ħġieġ, karti, metalli u plastik. Dawn il-materjali jiġu minn ġbir mid-djar jew bring sites, jiġifieri postijiet fejn in-nies jarmu l-materjal magħżul u jkollha kapaċita' ta' 36,000 tunellata.

2. Mechanical Treatment Plant (MTP) fejn żibel mhux magħżul jiġi riċevut u jintagħżel. F'dan l-istadju huwa propost li l-MTP eżistenti tiġi refurbished, jiġifieri rranġata jew modernizzata. Din il-parti huwa maħsub li tittratta madwar 130,000 tunellata fis-sena.

3. Digestion Plant li tittratta żibel biodegradabbli, u possibilment żibel biodegradabbli mill-MTP, biex jiġi prodott il-kompost. Gassijiet ġenerati minn dan l-impjant jiġu wżati biex jiġġeneraw "elettriku aħdar", u jipprovdu sħana għall-operazzjoni ta' l-impjant. Din ikollha kapaċita' li tittratta 35,000 tunellata fis-sena.

4. Composting Plant li tagħmel kompost mill-prodott tad-Digestion Plant, u tkun kapaċi wkoll li tagħmel kompost tal-materjal organiku. Il-Composting Plant tista' ssir fi stadji skond il-ħtieġa, u tipproċessa ż-żibel mill-MTP jew mid-Digestion Plant.

Mela hawnhekk l-istess rapport qiegħed jgħid x'se jagħmel l-impjant kif jiġi żviluppat.

Mela min qiegħed jgħid li mhux veru li l-impjant hemm il-ħsieb li jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex qiegħed jaħseb li n-nies ma jafux jagħmlu somma sempliċi ta' aritmetika li jafu jagħmluha t-tfal iż-żgħar.

Kemm ħsibtu li n-nies tan-naħa t'isfel ta' Malta huma njoranti sur Ministru u l-bella kumpanija tieghek?

Din ma tridx tkun għamilt xi tliet snin tistudja l-Universita' bħas-Sur Gawdenz biex tkun tafha sur Ministru.

Fil-fatt, anki fl-istess paġna jingħad li l-impjant huwa disinjat biex jopera massimu ta' 200,000 tunellata fis-sena, għalkemm fil-bidu jipproċessa inqas.

Tgħid għalhekk ukoll li l-Ministru Pullicino ma riedx jagħti garanzija, għaliex jaf li meta l-impjant jibda' jaħdem bil-kapaċita' sħiħa jibda jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex?

Ir-Rapport ikompli jgħid ukoll fl-istess paġna li jekk il-kapaċita' tintlaħaqx jiddependi fuq fatturi varji, fosthom ir-rata tat-tkabbir taż-żibel u l-impatt tal-legislazzjoni.

Mela jekk l-ammont ta' żibel ikompli jikber, l-impjant tar-riċiklagg ta' Sant'Antnin irid jipproċessah għaliex kieku ma kienx jgħid li jekk il-kapaċita' tintlaħaqx tiddependi fuq ir-rata tat-tkabbir taż-żibel, fost l-oħrajn.

Mela anki hawnhekk għandna konferma oħra li l-impjant se jittratta ż-żibel kollu, għaliex jekk ikun hemm żibel biżżejjed jittrattah sal-kapaċita' tiegħu.

U jekk iż-żibel ikompli jikber aktar mill-kapaċita' ta' l-impjant?

Tgħid għalhekk issemmiet il-barriera ta' Wied iz-Ziju biex l-impjant ikollu aktar fejn ikun jista' jkompli jikber?

Hawnhekk irrid infakkar f'dak il-paragrafu tar-Rapport li rajna aktar qabel, fejn jingħad li,

**"Based on the current estimated volume of municipal solid waste (200,000 tpa), and the previously calculated proportion of biodegradable waste (70% - 140,000 tonnes) <u>then over 70,000 tonnes of biodegradable waste would need to be diverted from landfill by 2010, rising to around 110,000 tonnes in 2020, if European and national targes are to be met. The proposed Sant Antnin facility would provide a facility with the potential capacity to process this level of waste.</u> In addition the plant will remove recyclable materials such as metals, plastics etc which will produce a usable resource and maximise the life of available landfill capacity."**

Mela jekk dan il-paragrafu qiegħed jgħid li għall-ewwel se jibda b'70,000 tunellata taż-żibel biodegradabbli, diġa qiegħed igiddeb lill-Ministru Pullicino u l-akkolti tiegħu.

Il-fatt li jgħid ukoll li dan jitla ghal 110,000 fis-sena 2020 u l-faċilita' proposta ta' Sant'Antnin ikollha l-kapaċita' potenzjali li tittratta dan il-livell ta' żibel mhux biss ikompli jgiddeb lill-Ministru, imma jikkonferma wkoll li kemm id-Digestion Plant kif ukoll il-Composting Plant iridu jitkabbru għall-istess kapaċita'.

Mhux biss, imma bilfors ikun irid jitkabbar it-tank tal-ħażna tal-gass minħabba li l-ammont ta' gass ikun akbar minħabba l-ammont ta' żibel li jkun qiegħed jinħadem.

Dan ukoll ikompli jżid u jkabbar bil-kbir il-periklu ta' xi splużjoni bil-ħerba kbira li tista' tagħmel fuq medda kbira.

Il-Gvern Nazzjonalista jrid igib il-mewt wara biebkom.

Qed taraw kif l-affarijiet jibdew jaqgħu f'posthom waħda wara l-oħra u kif tassew hemm il-ħsieb li mhux biss l-impjant ta' Sant'Antnin jibda jaħdem iż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex, imma li l-impjant jitkabbar dejjem aktar bl-iskuża li aktar żibel qiegħed jiġi ġenerat?

Qed taraw kemm tagħmel sens u kemm tassew għamel tajjeb min staqsa jekk hux tassew li l-Gvern Nazzjonalista jrid jixtri jew qiegħed f'negozjati biex jixtri l-barriera ta' Wied iz-Ziju?

Il-Barriera ta' Wied iz-Ziju hija l-uniku post fejn l-impjant, jekk il-poplu jħallih isir, ikollu fejn jespandi u jitkabbar, għaliex jew hemm il-bini jew hemm ir-raba li jkollu jiġi esproprjat.

B'hekk, il-Gvern Nazzjonalista jkun laqat żewġ għasafar b'ġebla waħda, għaliex ikun akkwista l-barriera u jkollu fejn ikabbar l-impjant skond il-ħtieġa minħabba l-iskuża li l-ammont ta' żibel żdied u li minħabba r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea jkun irid jiġi ttrattat jew maħdum.

Imbagħad jibda jġib l-iskuża li jkun jaqbel li kollox ikun f'post wieħed u mhux imxerred f'postijiet differenti li jew bi skuża jew oħra jingħad li nstab li ma jkunux tajba biex isiru l-impjanti ġo fihom kif inġiebu l-iskużi issa dwar postijiet oħra.

Hawnhekk irrid nagħmilha ċara li bl-ebda mod ma qiegħed ngħid li kellhom isiru fl-inħawi li fir-Rapport jingħad li ġew eżaminati, imma għandhom isiru fejn ma jkunu ta' dwejjaq ghal ħadd.

Ngħidlek biss li aħna l-ħobż minn ħalqna niekluh sur Ministru, u l-affarijiet narawhom fil-bogħod aktar milli taħseb int u l-akkolti tiegħek.

## **Tqattigħ ta' Blat**

Fil-paġna 25 jingħad li mhux biss il-bini kollu ta' l-impjant irid jiġi mneħħi, imma li minħabba dislivelli fis-sit li huma anki 5 metri, jkun irid isir tqattigħ tal-blat.

Dan m'hemmx l-iċken dubju li sejjer jikkawża ħsejjes u trabijiet kbar minn inġenji kbar kif ukoll traffiku kbir ta' trakkijiet biex ineħħu l-materjal maqtugħ.

Fir-Rapport ma jingħadx fejn se jintrema dan il-materjal, u ma niskanta xejn li jinstab ukoll post fin-naħa t'isfel ta' Malta ħalli l-vendetta tal-Gvern Nazzjonalista man-naħa t'isfel ta' Malta tkun kompluta.

Għalhekk, mhux biss ir-residenti ta' Wied il-Għajn u l-bliet ta' madwar se jkollhom l-inkonvenjent, imma anki dawk fejn se jintrema l-materjal, kemm bil-materjal innifsu kif ukoll bit-traffiku ta' trakkijiet kbar li jgorruh.

Dan ukoll huwa r-rigal jew aħjar vendikazzjoni li l-Gvern Nazzjonalista bil-kollaborazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea jrid jagħti u jagħmel lir-residenti tan-naħa t'isfel ta' Malta u lil dawk fejn jintrema l-materjal imqatta.

**<u>Miżien u Ħlas</u>**

Interessanti li jingħad f'paġna 26 li jrid ikun hemm miżien li mhux biss jiżen it-trakkijiet, imma li min ikun iħaddmu jrid iniżżel ukoll it-tip ta' żibel u l-ħlas, li jfisser li se jkun hemm ħlasijiet differenti skond iż-żibel xi jkun.

Dan ifisser li l-poplu se jibda jiġi ntaxxat ukoll għall-ġbir taż-żibel minbarra t-taxxa ta' l-ambjent, jiġifieri l-ecotax, u l-eluf ta' taxxi oħra li diġa' qiegħed iħallas kif naraw aktar 'il quddiem.

**<u>Bini</u>**

Ir-Rapport isemmi numru ta' bini li jrid isir, u m'hemmx dubju li se jkerrah l-ambjent, kemm bil-kobor kif ukoll bil-għoli tiegħu.

Fost l-affarijiet li jridu jsiru hemm id-Digestion Plant li jingħad li għandu jkollha kobor ta' madwar 8,000 metru kwadru, 3 digestion tanks ta' 12-il metru diametru u 12-il metru għoli.

Ikun hemm ukoll area ta' madwar 1,000 metru kwadru li fiha jkun hemm it-tank tal-gass, energy generating plant, flare, ecc.

Waqt li l-bini kollu jrid ikollu ventilazzjoni mekkanika biex jiżgura li jintlaħqu l-istandards dwar is-saħħa okkupazzjonali.

Mela hawnhekk diġa qiegħed jingħad bl-aktar mod ċar li jrid ikun hemm ventilazzjoni mekkanizzata, minħabba l-perikli għas-saħħa tal-ħaddiema.

Ma naħsibx li trid tkun mort l-Universita bħas-Sur Gawdenz biex tkun taf x'jiġri jekk il-filters u l-fannijiet biex suppost isaffu l-arja u jsaffu wkoll l-irwejjaħ ma jaħdmux tajjeb jew ma jinżammux f'kundizzjoni tajba kif nafu li jsir hawn Malta.

Il-Composting Plant suppost ġejja madwar 6,000 metru kwadru u jkollha wkoll filter ta' l-arja, imma kulħadd jaf il-kundizzjonijiet li jinżamm fih l-apparat kollu hawn Malta, speċjalment fejn jidħlu l-ispejjeż.

Għaldaqstant, iktar ma jkun hemm ħtieġa li jsiru u jinbidlu affarijiet biex l-impjant inaqqas mill-irwejjaħ, għaliex kif rajna l-irwejjaħ jintnu huma meqjusa li jkunu minn medji sa għolja, aktar jibda jintalab ħlas biex jiddaħħal iż-żibel.

Dan m'hemmx dubju li jwassal biex il-ġbir taż-żibel ma jibqax b'xejn, imma jibda jsir ħlas għalih.

Mhux għaliex issa mhux qed isir ħlas mit-taxxi tagħna, imma tistgħu tistennew taxxa oħra mat-taxxa ta' l-ambjent biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha biex jitħaddem l-impjant.

**<u>Containers</u>**

F'paġna 28 jingħad ukoll li se ssir Mobile Plant li fiha jinżammu containers li fihom jintefa l-kompost li ma jkunx tajjeb biex imbagħad jittieħdu biex jintrema f'landfills.

Dan jiġi trasportat f'containers miftuħa, waqt li materjal riċiklabbli jittieħed f'containers ta' 20 jew 40 pied jew containers miftuħa li jesgħu 30 sa 40 metru kwadru.

Mela anki hawnhekk għandna problema oħra, għaliex mhux biss se jkollna madwar 400 vjaġġ ta' trakkijiet taż-żibel, imma se jkollna wkoll vjaġġi bil-containers kbar li mhux biss itajjru ż-żibel li jkun irid jintrema, imma jkomplu jżidu t-traffiku u jkissru t-toroq minn fejn jgħaddu.

Hawnhekk ma jingħadx kemm se jkun hemm vjaġġi b'dawn il-containers kbar u x'impatt se jkun hemm fuq it-traffiku minn fejn jgħaddu.

Fost affarijiet oħra li jingħad li jkun hemm fl-impjant, jiġifieri fil-parti msejħa "mobile Plant", jissemmew ukoll bowsers ta' l-ilma u apparat biex jitnaddfu t-toroq.

Dan ifisser biss li diġa' jafu li t-trakkijiet taż-żibel u anki l-impjant se jikkawżaw titjir ta' żibel u affarijiet oħra li jirriżultaw mit-tħaddim ta' l-impjant li jkunu jinħtieġu li jkun hemm bowsers ta' l-ilma u apparat ieħor għat-tindif tat-toroq biex inaddfu l-ħmieġ li jirriżulta u li anki jista' jtir mar-riħ.

**<u>Proċessi</u>**

Fil-paġna 29 jingħad li d-Digestion Plant tittratta ż-żibel b'mod anaerobiku, jiġifieri li ma jkunx espost għall-arja, biex jiġi prodott il-biogas li jintuża biex jiġġenera l-elettriku.

Huwa ovvju li biex jittieħed il-gass iż-żibel irid ikun magħluq għaliex inkella l-gass jinxtered fl-arja.

Madankollu, wara li jispiċċa minn dan l-istadju, iż-żibel ikompli jiġi pproċessat b'metodu aerobic, jiġifieri li jkun espost għall-arja biex ikompli jsir compost.

Kif jista' għalhekk ma jnittinx kullimkien, għalkemm forsi b'mod inqas għaliex ikun therra xi ftit?

Anki jekk ikun qiegħed jiġi proċessat fuq ġewwa u l-arja tkun iffiltrata, xorta waħda jibqa' r-riskju li jkun hemm l-intejjen u li mikrobi, bacteria jew bioaerosols itiru fl-arja u jżidu t-theddida għas-saħħa tan-nies.

**Crusher**

Tajjeb li jiġi nnutat ukoll li f'paġna 30 jingħad li huwa maħsub li jiġi stallat ukoll crusher, jiġifieri magna, biex tfarrak il-ħġieġ.

Ara din ma qalhiex il-Ministru Pullicino, għaliex inkella jkompli juri kemm sejrin jiżdiedu l-ħsejjes u l-istorbju li jkomplu jdejjqu lin-nies.

**Munzelli fuq Barra**

Ħaġa li l-Ministru Pullicino wkoll ma qalx hija li f'pagna 30 jingħad ukoll li jrid ikun hemm area fuq barra, jiġifieri mhux taħt xi tinda, biex il-materjal li jkun se jiġi riċiklat, jiġifieri bħal ma huma ħġieġ, karta u metalli, jiġu maħżuna sakemm jiġu esportati.

Dan ifisser li barra l-kobor ta' l-impjant u l-intejjen tiegħu, barra l-mijiet ta' vjaġġi tat-trakkijiet taż-żibel, barra min numru ta' vjaġġi ta' containers li ma jingħadx kemm huma, issa nafu wkoll li se jkun hekk kruhat fejn munzelli sħaħ ta' materjal ikun qiegħed jistenna li jiġi esportat.

X'se tgħidilna l-MEPA għal dawn il-ħniżrijiet li l-Gvern Nazzjonalista jrid jagħmel fin-naħa t'isfel ta' Malta?

Se tkunu kollaboraturi miegħu fl-istupru li jrid ikompli jagħmel fin-naħa t'isfel ta' Malta?

**Sistemi u Teknoloġija**

F'paġna 32 naraw ukoll kemm il-Ministru Pullicino ried iqarraq meta qal li t-teknoloġija li se tintuża ma tiġġenerax irwejjaħ u ntejjen.

Taħt it-titolu Speċifikazzjonijiet Teknoloġiċi jingħad li hemm żewġ sistemi ta' trattament, wet u dry systems.

Ikompli jgħid li d-digestion system li l-aktar li tintuża fl-Ewropa hija l-wet system.

Madankollu, ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea biex jinkisbu s-sistemi, bl-Ingliż procurement rules, jinħtieġu li d-dokumentazzjoni ta' l-offerti jridu jagħmluha possibbli li dawk li jissupplixxu s-sistema jkunu jistgħu joffru digestive systems u teknolkoġiji differenti.

Mela anki hawnhekk il-Ministru Pullicino ried iqarraq, għaliex la ma jafx liema sistema u teknoloġija ta' digestion sejra tintuża għaliex iridu joħorġu l-offerti li jridu jħallu l-possibilta' ta' sistemi u teknoloġiji differenti, ma jistax jgħid li s-sistema li se tintuża mhux se tagħmel irwejjaħ u ntejjen, imma waħda tista' tħalli inqas minn oħra.

**Ħasil taż-Żibel**

Tajjeb li tkunu tafu wkoll li skond l-istess Rapport fl-istess paġna, iż-żibel irid jiġi maħsul, u jgħid ukoll li l-ilma maħmuġ jista' jiġi ttrattat fuq il-post, imma fl-aħħar mill-aħħar irid jintrema fid-drenaġġ.

Mela anki hawnhekk għandna kontradizzjoni.

Id-drenaġġ nittrattawh biex jintuża fil-biedja, waqt li l-ilma li jinħasel bih iż-żibel jiġi mormi fid-drenaġġ.

Għalfejn ma jiġix ittrattat fl-impjant tar-riċiklaġġ tad-drenaġġ mill-ewwel?

Tgħid għaliex jista' jkun fih metalli tqal, dawk magħrufa bħala heavy metals, kimiċi u affarijiet oħra li ma jhalluħx tajjeb għat-tisqija?

U jekk jintrema fid-drenaġġ ma jitħallatx mad-drenaġġ normali u jikkontaminah u b'hekk id-drenaġġ ma jkunx jista' jintuża ghat-tisqija?

U jekk ma jintużax għat-tisqija ma jintremix il-baħar u jkompli jikkontamina l-baħar fin-naħa t'isfel ta' Malta?

Barra minn hekk, kif aktar qabel jingħad li fir-regoli tax-xiri, jiġifieri bl-Ingliz procurement rules, trid titħalla l-possibilita' li jkun hemm sistemi differenti, u fir-Rapport hemm analiżi tas-sistema mxarrba, jiġifieri wet system, biss?

X'serjeta' ta' Rapport jista' jkun jekk hemm sistemi differenti u minflok ma janalizzahom kollha u jfisser u jfiehem id-differenzi, il-vantaġġi u l-izvantaġġi ta' kull waħda minnhom, jagħżel u janalizza sistema waħda biss?

Tgħid hemm interessi moħbija, forsi f'Malta u anki barra minn Malta dwar is-sistema li jridu li tintagħżel?

Dan jista' jfisser ukoll, fost affarijiet oħra:

1. Li s-sistema magħrufa bħala dry system tant tikkawża tniggiż li l-kumpanija li għamlet ir-Rapport ma daħlitx fiha apposta għaliex ir-reazzjoni tal-poplu kontra l-impjant kienet tkun ħafna akbar;

2. Li din is-sistema diġa' inqatgħet barra u għalhekk ir-regoli tax-xiri mhux se jiġu mħarsa imma se jkun hemm biss farsa għaliex minkejja li suppost għad iridu joħorġu l-offerti, se jintagħżlu biss offerti minn sistema waħda;

3. Li s-sistema magħrufa bħala wet system hija ta' xi kumpanija li jew hija jew ir-rappreżentant tagħha huwa bażużlu li l-Gvern Nazzjonalista jrid u jaqbillu jaqdih mill-koxxa.

4. Li hemm min għandu nteress, u mhux bilfors hawn Malta, li jmexxi 'l quddiem is-sistema magħrufa bħala wet system u anki forsi tipi ta' makkinarju aktar minn oħrajn.

**Tankijiet**

F'paġna 33 insibu li jridu jsiru bejn 2 u 3 tankijiet tat-taħlit, imsejħa mixing tanks, fejn jitħallat iż-żibel biex isiru ċerti proċessi, liema tankijiet ikunu jesgħu bejn 300 u 400 metru kubu.

Barra minn hekk, iridu jsiru tliet tankijiet imsejħa digestion tanks, biex fihom jintefa ż-żibel għal madwar 20 ġurnata ħalli b'ċerti proċessi jsir il-gass.

Dawn it-tankijiet iridu jkunu ta' volum totali bejn wieħed u ieħor ta' 5,000 metru kubu.

Dan barra t-tank fejn jiġi maħżun il-gass li jiġi prodott li aktar 'il quddiem naraw kemm irid ikun kbir.

Skond pjanta li hemm annessa mar-Rapport u markata SA 5/1, it-tankijiet imsejħa digestion tanks huma ta' radius ta' 6 metri u għoljin 12-il metru.

Anki hawnhekk ingħata r-radius minflok id-diametru minhabba li jagħti figura iżgħar, jiġifieri n-nofs, milli kieku ssemma d-diametru, għaliex inkella kien jingħad li t-tankijiet iridu jkunu ta' diametru ta' 12-il metru.

Fi kliem ieħor, dawn it-tankijiet se jkunu kbar madwar 40 pied wisa u 40 pied għolja.

Hawnhekk irrid infakkar li aktar qabel rajna li ż-żibel biodegradabbli li minnu jsir il-gass se jkun ħafna aktar, b'mill-anqas madwar tliet darbiet.

Dan ifisser li jrid ikun hemm aktar tankijiet imsejħa digestion tanks, kif ukoll aktar tankijiet tal-gass għaliex jekk iż-żibel maħdum se jikber bi tliet darbiet, il-gass ġenerat jikber ukoll bi tliet darbiet, li jfisser ukoll aktar tankijiet fejn jinħażen.

Aktar tankijiet, aktar kruhat, aktar perikli.

Wara li ż-żibel jittieħed il-gass minnu jerġa' jiġi maħsul, waqt li parti mill-ilma jintefa fit-tankijiet tat-taħlit u parti minnu jintrema.

Imbagħad iż-żibel ikompli jiġi maturat biex isir compost fil-Composting Plant għal madwar gimgħatejn fejn suppost li l-proċess isir bil-magħluq, jiġifieri fuq ġewwa u mhux fuq barra.

Madankollu, m'hemm l-ebda garanzija li irwejjaħ u ntejjen ma joħorġux, għaliex kif rajna qabel, il-livell ta' l-irwejjaħ jingħad li jista' jvarja minn medju sa għoli.

**Ġenerazzjoni ta' l-Elettriku**

Fl-istess paġna jingħad ukoll li l-biogas jiġi storjat f'tank ieħor u jkun jista' jintuża biex jiġi ġenerat l-elettriku.

L-elettriku jista' jħaddem l-istess impjant, imma jingħad li dan ikun jiddependi fuq liġijiet li jiġu addottati.

Jingħad li jista' jkun aktar ekonomiku li l-elettriku jintbagħat fil-linji tad-dawl, jiġifieri ta' l-Enemalta, u l-impjant jirċievi bonus għall-elettriku li jkun iġġenera.

Kif jista' jkun aktar ekonomiku b'din is-sistema ma tantx tista' tifhem, għaliex jekk l-elettriku li jiġġenera jkun biżżejjed biex jitħaddem l-istess impjant, jagħmel sens li jibgħat l-elettriku lill-Enemalta imbagħad jixtri l-elettriku biex jitħaddem l-impjant u sempliċiment jirċievi bonus?

Jew anki hawnhekk hawn id-dubji jekk l-impjant ikunx jista' jiġġenera elettriku biżżejjed jew il-ħin kollu biex ikun jista' jaħdem mingħajr ma jkollu bżonn li jixtri l-elettriku mingħand l-Enemalta?

Aktar tard jingħad li l-impjant għandu jiġġenera aktar milli jinħtieġ, imma dejjem jibqgħu d-dubji.

**Emerġenzi**

Jingħad ukoll li għandu jkun hemm fjamma, "flare", biex taħraq il-gass f'ermerġenzi.

Mela anki l-istess Rapport jirrikonoxxi li l-fatt li għandek impjant li qiegħed jiġġenera u jaħżen il-gass jistgħu jinqalgħu emerġenzi u b'hekk jinħoloq ukoll periklu li ssir xi splużjoni.

Jekk il-gass se jiżdied, bilfors li jrid ikun hemm fjammi iżjed jew il-fjamma tikber biex tkun kapaċi taħraq il-gass kollu li jiġi ġenerat.

**Tqallib**

Barra li jingħad kif isiru ċerti proċessi f'paġna 34, jingħad ukoll li x-xogħol kollu jrid isir fil-magħluq, li ż-żibel irid jitqalleb spiss matul il-proċess biex isir compost, u li l-arja tmur fil-faċilita' għat-trattament ta' l-arja.

X'garanzija għanda li minkejja li l-arja suppost tiġi trattata ma jkunx hemm irwejjaħ jintnu u dawk magħrufa bħala bioaerosols, jiġifieri biljuni ta' mikrobi jittajjru fl-arja?

X'garanzija għandna li jsir il-manteniment ta' l-impjant u s-sistema li tiffiltra l-arja l-ħin kollu biex tibqa' effiċjenti, u li jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha li l-istess Rapport isemmi?

Ir-records tat-tħaddim ta' l-impjant juru ħaġa waħda biss.

Ma nistgħux nafdaw, għaliex kif sewwa jgħidu l-qwiel Maltin, "**min jafda jħallel**" u "**min jgħix bit-tama jmut bil-piena".**

**Ħazna**

Jingħad ukoll li sakemm jinbiegħ, il-kompost jiġi maħżun fil-miftuħ, jew fil-post jew xi mkien ieħor, imma f'każ ta' tħassib ambjentali, u hawnhekk isemmi rwejjaħ, kundizzjonijiet fil-magħluq ikunu rakkomandati.

Mela hawnhekk għandna l-istess rapport li jgħid li minkejja li ż-żibel ikun ġie trattat u maħdum u jkun sar kompost, xorta waħda jkun hemm irwejjaħ, tant li jirrakomanda li jinżamm fil-magħluq.

U jekk ma jkunx hemm post fejn jinżamm fil-magħluq jew ikun hemm ħafna għaliex ma jkunx inbiegħ u jibda jinġema?

X'jiġri mit-trabijiet u l-bioaerosols, jiġifieri mikrobi li jtiru mill-kompost u xi jkun fihom?

Tgħid għalhekk qiegħed jingħad li l-Gvern qiegħed jipprova jixtri l-barriera li hemm viċin biex ikollu fejn jaħżen dak kollu li jkun hemm bżonn?

**Ħinijiet tax-Xogħol**

F'paġna 35 tar-Rapport jngħad li l-Materials Recycling Facility hija disinjata biex taħdem 36,000 tunellata fis-sena fuq żewġ shiftijiet, jiġifieri 16-il siegħa kuljum sitt ijiem fil-gimgħa, għalkemm għall-ewwel jista' ma jkunx hemm bżonn li taħdem daqshekk.

Mela issa n-nies tan-naħa t'isfel ta' Malta, speċjalment ir-residenti ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun jafu li se jkollhom storbijiet għal sittax-il siegħa kuljum għal sitt ijiem fil-ġimgħa minn dan l-impjant.

Dan ifisser li l-Materials Recycling Facility titħaddem bejn is-6 ta' filgħodu sa l-10 ta' bil-lejl kif naraw aktar tard.

L-istess jingħad għall-Mechanical Treatment Plant, bid-differenza li jingħad ċar u tond li l-materjal jinġieb mit-Tnejn sas-Sibt u li l-kapaċita' tagħha hija ta' 200,000 tunellata fis-sena.

Mela anki hawnhekk tkabbar l-ammont ta' żibel li l-Mechanical Treatment Plant hija maħsuba li tittratta.

Id-Digestion Plant hija disinjata biex taħdem 35,000 tunellata fis-sena biex tipproduċi wkoll il-biogas fuq operazzjoni kontinwa, jiġifieri l-ħin kollu mingħajr ma tieqaf, waqt li ż-żibel jinġieb ukoll mit-Tnejn sas-Sibt.

Tinsewx li kif rajna, sa l-2020 din trid tkun tittratta madwar 110,000 tunellata, jiġifieri aktar minn tliet darbiet dak li qiegħed jingħad.

Mela anki l-gass irid ikun mill-inqas tliet darbiet bil-perikli kollha li dan iġib miegħu.

Huwa propost ukoll li l-ħinijiet tax-xogħol ikunu:

Biex jinbena l-impjant mit-Tnejn sas-Sibt bejn is-7 ta' filghodu u 7 ta' filgħaxija waqt li l-Ħadd ikun bejn is-7 ta' filgħodu u Nofs in-Nhar.

Mela waqt it-twaqqih u l-bini m'hemm l-ebda ġurnata li ma jkunx qiegħed isir xogħol fiha, lanqas nhar ta' Ħadd meta fi tmiem il-ġimgħa jinżlu ħafna aktar nies, eluf ta' nies, lejn Wied il-Għajn.

X'ma jintlaqatx ħażin il-kummerċ f'Wied il-Għajn jekk lanqas fi tmiem il-ġimgħa ma se jieqaf ix-xogħol tat-twaqqih u l-bini ta' l-impjant.

Maniġġjar taż-żibel isir bejn is-6 ta' filgħodu u l-10 ta' bil-lejl mit-Tnejn sas-Sibt u bejn is-6 ta' filgħodu u nofsinhar nhar ta' Ħadd.

Mela anki hawnhekk għandna xogħol bla waqfien bl-intejjen u l-inkonvenjenti l-oħra kollha li dan iġib miegħu.

Moviment ta' vetturi huwa ppjanat li jsir bejn is-7 ta' filgħodu u 7 ta' filgħaxija mit-Tnejn sas-Sibt, u mis-7 ta' filgħodu sa nofsinhar nhar ta' Ħadd.

Mela lanqas nhar ta' Ħadd ma nistgħu nistrieħu mill-movimenti tal-vetturi fl-impjant.

**<u>Rotot Ippjanati</u>**

Waħda mir-rotot tat-trakkijiet taż-żibel hija li jgħaddu mill-Marsa, jitilgħu minn ħdejn iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, jgħaddu minn tal-barrani, iduru lejn il-fabbriki ta' Bulebel u b'hekk minn Ħal Tarxien, jgħaddu minn ħdejn il-Mina ta' Hompesch, iduru minn Ħaż-Żabbar, u jinżlu mill-Bypass lejn l-impjant ta' Sant Antnin.

Rotta oħra tkun minn inħawi tan-Nofs in-Nhar ta' Malta bħal ma huma ż-Żurrieq u l-inħawi, jgħaddu mill-irħula bħal ma huma Ħal-Kirkop, Ħal-Safi, il-Qrendi, l-Imqabba, il-Gudja u Ħal-Għaxaq fi triqithom lejn Bir-id-Deheb, miż-Żejtun lejn il-ġnien ta' San Girgor, mit-Triq tar-Ramla u jibqgħu sejrin lejn l-impjant ta' Sant'Antnin.

**<u>Ilma, Gassijiet u Trab</u>**

Kemm jinħtieġ ilma l-impjant matul is-sena?

Skond ir-Rapport, ikunu meħtieġa 40,000 metru kubu ta' ilma fis-sena.

Dan ifisser li l-impjant se juża madwar 40 miljun litru jew aktar minn 9 miljun gallun ilma fis-sena.

Għalkemm dan l-ilma m'hemmx għalfejn ikun tal-kwalita' tax-xorb, xorta waħda ma jridx ikun kontaminat b'solidi jew affarijiet velenużi.

Mela issa rridu nsibu wkoll aktar minn 9,000,000 gallun ilma fis-sena għall-impjant biex jittratta ż-żibel.

Minn fejn se jinġieb u kemm se jiswa dan l-ilma?

Kif se jitħallas u minn min?

Dan jekk jiġu trattat biss 36,000 tunellata ta' żibel, għaliex jekk jiġu trattat iżjed kif rajna aktar qabel bilfors li l-impjant ikun jinħtieġ aktar.

Huwa kkalkulat li bejn wieħed u ieħor jintużaw metru kubu, jigifieri 1,000 litru jew 220 gallun ilma għal kull tunellata.

Mela jekk l-impjant jibda jittratta il-110,000 tunellata fis-sena, ifisser li rridu nsibu aktar minn 27 miljun gallun ilma fis-sena biex jiġi ttrattat dan iż-żibel biodegradabbli biss.

Jekk jittratta 200,000 tunellata rridu nsibu madwar 44,000,000 gallun ilma.

Tajjeb li jingħad li skond l-istess Rapport, ammont ta' ilma jkun meħtieġ għall-ħasil ġenerali fl-impjant, kif ukoll ghal teknoloġija ta' tnaqqis ta' ħruġ ta' gassijiet u trab fl-arja.

Mela anki hawnhekk għandna l-istess rapport li jgħidilna li se jkun hemm ħruġ ta' gassijiet u trab fl-arja u li biex dan jitnaqqas irid ikun hemm ammont ta' ilma li suppost se jintuża fit-teknoloġija maħsuba biex jitnaqqsu.

Innutaw li jingħad jitnaqqsu u mhux jitneħħew għal kollox.

Il-kelma li tintuża fit-test Ingliż hija "**abatement**", mhux "**eliminated**".

Li ma tridux tinsew huwa li jingħad ħafna kliem sabiħ sakemm ikunu daħħluk fl-ixkora, imma wara dejjem sibtu li qarrqu bikom.

Ftakru li bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti.

**<u>Ilma Għar-Rimi</u>**

L-ammont ta' ilma li jiġġenera l-impjant huwa iktar minn dak imsemmi aktar 'il fuq minħabba li kif jgħid ir-rapport, iż-żibel li jiġi trattat jiġġenera wkoll l-ilma.

Ir-Rapport jgħid li l-ilma li jkun irid jiġi mormi jkun ta' bejn wieħed u ieħor 52,000 metri kubi ta' ilma.

Dan ifisser li jridu jintremew kważi 12-il miljun gallun ilma fis-sena li jkunu ġejjin mill-ħasil u t-trattament taż-żibel, liema ilma jkun ikkontaminat.

Ir-Rapport stess jgħid li dan għandu jiġi trasportat lejn l-impjant tat-tisfija tad-drenaġġ, preferibbilment permezz tas-sistema tad-drenaġġ.

Mela jekk 36,000 tunellata jiġġeneraw kważi 12-il miljun gallun ilma, il-110,000 tunellata jiġġeneraw iżjed minn tliet darbiet aktar.

200,000 tunellata jiġġeneraw kważi d-doppju, jew madwar 70,000,000 gallun ilma.

Dan ifisser li rridu naraw ukoll kif sejrin nittrattaw kważi 36 sa 70 miljun gallun ilma oħra fis-sena qabel dawn jintremaw fid-drenaġġ biex imbagħad, forsi jerġgħu jiġu ttrattati biex jintużaw għat-tisqija.

Dan m'hu xejn hlief ġenn, ġenn u aktar ġenn.

## Kimiċi fl-Ilma

Aktar qabel kont ġbidt l-attenzjoni li dan l-ilma jkun ikkontaminat b'kimiċi u metalli tqal.

Anki r-Rapport jgħid dan fil-paġna 37, fejn jagħti lista ta' kontaminanti li jkun fih l-ilma.

Fil-fatt, il-Kunsill Lokali ta' Wied il-Għajn qabbad lill-Professur Alfred J. Vella BSc, MSc, PhD (Colo Sch Mines), Cchem, FRSC, mill-Universita' ta' Malta biex jagħmel rapport fuq Kapitlu 13 tar-Rapport tal-Kumpanija Ngliża dwar l-impatt fuq l-arja mill-iżvilupp li l-Gvern Nazzjonalista jrid jagħmel f'Sant'Antnin.

Tajjeb li kulħadd jagħti daqqa t'għajn lejn dan ir-Rapport ħalli tkunu tafu kemm ir-Rapport li għamlet il-kumpanija Ngliża huwa difettuż.

Dan fuq kapitlu wieħed, aħseb u ara fuq il-kapitli kollha kemm hemm difetti.

Jgħid ukoll li l-impjant jipprovdi post riservat biex jittratta l-ilma qabel jintefa fid-drenaġġ u fl-impjant għat-tisfija tad-drenaġġ biex jitnaqqsu l-kontaminanti li jkun fih.

Kif għidt qabel, l-esperjenza dejjem uriet li bejn kliem u fatti hemm baħar jikkumbatti.

Barra minn hekk, ma jinghadx x'se jsir mill-kontaminanti li jinġabru mill-ilma, fejn se jinżammu, jekk se jintremew fejn se jintremew, u affarijiet oħra bħal dawn.

Jingħad li għalkemm jistgħu jinbnew ġibjuni taħt l-impjant biex titnaqqas it-talba għall-ilma, huwa kkalkulat li dan ikun biss ta' madwar 3,000 metru kubu fis-sena, u għalhekk ikunu jridu jinstabu 35,000 metru kubu oħra fis-sena, għalkemm ikun jista' jintuża ilma mill-impjant tat-tisfija tad-drenaġġ.

Għalkemm ikun imsoffi, kulħadd jaf li ħafna drabi ma jkunx ta' kwalita tajba kif jistgħu jaħilfu l-bdiewa li jużawh.

Għaldaqstant, nistennew aktar intejjen u aktar kontaminazzjoni fl-inħawi u fil-kompost, jew inkella jkun jinħtieġ trattament akbar biex jilħaq livelli aċċettabbli.

Tinsewx li rajna wkoll li dan l-ammont ta' ilma jkun meħtieġ jekk jiġu trattati biss is-36,000 tunellata ta' żibel, għaliex meta jibdew jiġu trattati mill-inqas 110,000 tunellata l-figura titla' mill-anqas tliet darbiet aktar u jekk jittratta 200,000 tunellata madwar sitt darbiet aktar kif rajna aktar qabel, jiġifieri madwar 44,000,000 gallun.

## Gass

Mit-trattament taż-żibel jiġi ġenerat il-gass, li huwa kkalkulat li jkun ilaħħaq bejn 3.5 sa 5 miljun $Nm^3$ fis-sena li jrid jinħażen f'tank li jkun jesa 750 metru kubu ta' gass taħt pressjoni.

Tinsewx li jekk iż-żibel jikber bi tliet darbiet, il-gass ukoll jiżdied bi tliet darbiet u l-ħażna wkoll tikber bi tliet darbiet.

Mela anki hawnhekk għandna l-istess rapport li qiegħed jikkonferma li se jkun hemm ħażna kbira ta' gass li jekk isir xi aċċident tikkawża diżastru u disgrazzja kbira fuq medda kbira.

F'każ li l-gass ma jkunx jista' jintuża mill-ewwel għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku u ma jkunx jista' jinħażen, irid ikun hemm fjamma li jkollha kapaċita' li taħraq madwar 250 metru kubu ta' gass fis-siegħa u li tixgħel awtomatikament.

Mela jekk il-gass jiżdied bi tliet darbiet, il-kapaċita' tagħha wkoll trid tiżdied bi tliet darbiet.

Irridu niftakru li kull ħaġa u kull sistema jista' jiġrilha l-ħsara u ma taħdimx kif u meta suppost.

X'jiġri jekk il-fjamma ma tixgħelx u l-gass jibda ħiereġ ma kullimkien?

X'jiġri jekk fil-gass ikun hemm kwantita' sostanzjali ta' gass magħruf bħala Hydrogen Sulphide, $H_2S$ li huwa velenus ħafna u joqtlok malajr, li l-kwantita' tiegħu fil-biogas tiddependi mill-kwalita' taż-żibel li jkun qiegħed jiġi trattat?

Hawnhekk tista' tinstab ukoll skuża oħra biex l-impjant jitkabbar aktar, għaliex jingħad li minħabba li jkun qiegħed jiġi generat aktar gass, ikun jaqbel li jitkabbar l-impjant li jiġġenera l-elettriku b'dan il-gass.

Tgħid għalhekk saret jew qiegħda ssir il-mina minn taħt l-art mill-power station ta' Dellimara lejn l-impjant ta' Sant'Antnin, biex ikun aktar faċli li l-elettriku ġenerat fl-impjant jintbagħat lejn Dellimara?

Dan ma jkunx l-uniku gass maħżun li jkun hemm fl-impjant, għaliex jingħad li jekk ma jkunx hemm gass biżżejjed, ikun meħtieġ li jintuża wkoll il-propane/butane.

Ir-Rapport stess jgħid li jrid ikun hemm tank ieħor fejn ikun jista' jiġi maħżun dan il-gass, jiġifieri propane/butane.

Fir-Rapport ma jingħadx kemm se jkun kbir dan it-tank, imma ċertament ma jistax ikun żgħir għaliex ikun irid jipprovdi l-gass kollu meħtieġ biex l-impjant ikompli jaħdem mingħajr waqfien.

Dan ifisser li mhux biss se jkun hemm tank ieħor li jkompli jkerrah l-ambjent, imma li jkompli jżid il-periklu f'każ ta' ħruq jew xi splużjoni bid-diżastru u l-konsegwenzi koroħ li tista' tikkawża fuq medda kbira.

Dan huwa l-periklu li l-Gvern bl-għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea irid jesponi lir-residenti ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun għalih.

## <u>Elettriku Ġenerat</u>

Jekk l-impjant jiġġenera elettriku iktar milli jkun jinħtieġ, jingħad li dan jista' jintbagħat fil-grid, jiġifieri fis-sistema ta' l-elettriku ta' l-Enemalta, imma jerġa' jingħad li minħabba regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea, aktar ikun ekonomiku li l-elettriku jintbagħat fis-sistema pubblika u jinxtara lura kemm l-impjant ikun jinħtieġ.

Hawnhekk għandi żewġ osservazzjonijiet.

Waħda hija li r-Rapport stess qiegħed jgħid li dan ikun irid isir minħabba r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea, u għalhekk għandna l-akbar prova li l-Unjoni Ewropea anki f'dawn l-affarijiet tindaħal.

L-osservazzjoni l-oħra hija dwar il-kuntradizzjoni li inti tiġġenera l-elettriku, tibgħatu kollu lejn is-sistema elettrika ta' l-Enemalta, imbagħad tixtri dak li jkollhom bżonn minflok li tuża dak li ġġenerajt inti stess u tibgħat iż-żejjed li jkollok lejn l-Enemalta.

Din qisha bħal bidwi li jkabbar il-prodotti, jeħodhom kollha lejn il-pitkalija, imbagħad jixtri dak li jkollu bżonn mill-pitkalija minn dak stess li huwa jkun biegħ lill-pitkal minflok iżomm minn dak li jkun kabbar huwa stess mill-ewwel u jbiegħ dak li ma jkollox bżonn.

Jew bħal furnar li jbiegħ il-ħobż kollu, imbagħad għalih stess imur jixtri l-ħobż li jkun minn dak li ħema huwa stess mingħand l-istess persuna li jkun biegħla l-ħobż.

Affarijiet tal-ġenn li jġieluk jew tidħaq jew tibki, għalkemm naħseb li iktar iġiegħluk tibki milli tidħaq.

**Elettriku Meħtieġ**

Ir-Rapport jagħti stima dwar kemm ikun jinħtieġ elettriku l-impjant fis-sena.

Jgħid li dan ikun jinħtieġ total ta' 6.0 GWh, jew aħjar, 6 elef miljun watts fis-sena.

Jgħid ukoll li l-impjant jista' jiġġenera bejn 6.5 sa 10 GWh fis-sena.

Ħalli ma ninħlewx fuq id-differenza bejn 6.5 u 10 GWh, għaliex dan ikun jiddependi fuq ħafna fatturi, għalkemm bejn il-figuri hemm differenza ta' iktar minn 50%.

Imma li kif jidher li l-impjant jiġġenera enerġija aktar milli jkollu bżonn u minflok jużaha u jibgħat iż-żejjed lejn l-Enemalta jibgħat kollox imbagħad jerġa' jixtri dak li jkollu bżonn huwa ġenn, anki jekk irid isir hekk minħabba, kif jgħid ir-Rapport stess, regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.

**Ammont ta' Żibel Trattat**

Aktar qabel semmejt li r-Rapport fih kontradizzjonijiet, u semmejt dwar ir-raġġ ta' 500 metru li ttieħed min-nofs l-impjant minflok mit-trufijiet tiegħu.

Issa se naraw kontradizzjonijiet oħra.

Konna rajna li f'paġna 1 tar-Rapport jingħad li l-Mechanical Treatment Plant għalissa tista' tiġi rranġata u hija maħsuba biex tittratta madwar 130,000 tunellata ta' żibel imħallat li jinġabar mid-djar.

F'paġna 40, fil-parti tar-Rapport li tittratta dwar il-wirt arkeoloġiku u kultural, jingħad li l-Mechanical Treatment Plant biss se jkollha kapaċita' li tittratta 200,000 tunellata ta' żibel imħallat.

Mela anki l-istess Rapport qiegħed jikxef li huwa tassew li l-impjant huwa maħsub biex jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex u mhux kif qal il-Ministru Pullicino.

Ir-Rapport stess qiegħed igiddbu minkejja li fih dawn il-ħafna figuri differenti.

Ara f'paġna 1 ma jingħadx kemm trid tkun kapaċi tipproċessa żibel il-Composting Plant, imma f'paġna 41 jingħad li din se jkollha kapaċita' ta' bejn 60,000 sa 95,000 tunellata fis-sena.

Mela jekk l-impjant suppost se jittratta 35,000 tunellata ta' żibel fis-sena skond kif qal il-Ministru, kif ir-Rapport stess jgħid li l-Composting Plant se tittratta bejn 60,000 u 95,000 tunellata fis-sena sur Ministru?

Anki f'paġna 17 tar-Rapport jingħad li minħabba d-Direttiva tal-Landfills li torbot, jiġifieri trid tiġi obduta bilfors, u din hija Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea, jikkonkludi li tinħtieġ faċilita' li taħdem (composting) 95,000 tunellata fis-sena u Materials Recycling Facility b'kapaċita' ta' 115,000 sas-sena 2004, jiġifieri s-sena l-oħra li għadha kif għaddiet.

La qegħdin fuq l-ammont ta' żibel, f'paġna 20 jingħad li sa l-aħħar tas-sena 2004, jiġifieri s-sena l-oħra, ikun meħtieġ faċilita' ta' composting ta' 95,000 tunellata fis-sena u Materials Recycling Plant b'kapaċita' ta' 115,000 tunellata fis-sena.

Ir-Rapport jgħid li effettivament, l-iżvilupp propost f'Sant'Antnin ikun jipprovdi dawn iż-żewġ faċilitajiet, anzi 200,000 tunellata li huma ftit inqas mill-faċilitajet meħtieġa.

Jekk inħarsu lejn il-pagna 92 fil-parti tar-Rapport li jittratta dwar it-traffiku, insibu li anki hemmhekk jikkonferma li l-impjant huwa maħsub li jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex. Ħalli nikkwota eżatt mir-Rapport bl-Ingliż.

**"The site will operate as a controlled materials recycling and composting facility. <u>This will include the importation of non hazardous household waste, collected dry recyclables and collected biowaste from all areas of the island</u>.**

**Once the waste is processed, recycled material shall be baled and exported from the site, with residual materials exported to landfill. It is estimated that the initial waste inputs to the facility will be in the order of 35,000 tonnes of dry recyclables, and 36,000 tonnes of organic waste per annum. <u>Thereafter the waste inputs may rise gradually to reach the operating capacity and the assessments have been made on this 200,000 tones figure</u> to ensure a robust worst case assessment."**

Hawnhekk irrid niġbed l-attenzjoni dwar il-kliem "**<u>This will include the importation of non hazardous household waste</u>**".

Xi tfisser "**importation**", li bil-Malti tiġi "**IMPORTAZZJONI**"?

Tgħid tassew dak li ktibt aktar qabel li hemm il-ħsieb li f'Malta nibdew **nimpurtaw iż-żibel** biex jinħaraq fl-Impjant ta' Sant'Antnin bl-iskuża ta' enerġija b'xejn jew bi ftit flus?

Innutaw li hemm distinzjoni bejn l-ewwel parti fejn jingħad "**importation**" u t-tieni parti fejn jingħad "**collected dry recyclables and collected biowaste from all areas of the island**"

Għalfejn ma ntużax il-kelma "**collected**" anki fl-ewwel parti tas-sentenza bħal ma ntużat fiż-żewġ partijiet l-oħra minflok il-kelma "**importation**"?

Jew għaliex ma ntużatx kelma oħra, bħal ngħidu aħna "**transported**"?

Jew intużat il-kelma "**importation**" biex jekk u meta jibda jiġi mpurtat iż-żibel minn barra, il-Gvern Nazzjonalista jkollu skuża lesta li dik diġa' kienet miktuba fir-Rapport u ħadd ma qal xejn dwarha?

L-Unjoni Ewropea bil-kollaborazzjoni tal-Gvern Nazzjonalista trid tagħmel lil Malta il-miżbla tagħha.

Tinsewx li anki l-istudenti ta' l-Universita' sabu li l-kliem "**stipendji sħaħ**" ma jfissrux "**stipendji sħaħ**" bħal ma kienu jieħdu qabel, għaliex il-Gvern Nazzjonalista u l-Unjoni Ewropea għandhom ħabta kif jagħmlu l-kliem b'mod li jkun jista' jinterpretawh b'mod differenti minn dak li normalment jiftiehem.

Barra minn hekk, anki f'paġna 94 tar-Rapport insibu li l-impjant irid jittratta ż-żibel kollu ta' 200,000 tunellata fis-sena, tant li jgħid li,

"…**Thereafter the initial vehicle movements may rise as the site progresses towards treating the entire waste stream of 200,000 tonnes per annum…**"

Mela anki dawn il-partijiet tar-Rapport qiegħdin igiddbu lill-Ministru minkejja li jingħataw diversi figuri f'paġni diversi li jista' jkun li saru apposta u li jnaqqsu mill-kredibilita' tar-Rapport minkejja l-eluf kbar ta' liri li tħallsu tiegħu.

## L-Impatt fuq l-Wirt Kulturali

Ir-Rapport jgħid li minkejja li l-inħawi kienu ġew suġġetti għal barrieri u l-iżvilupp tal-faċilita' preżenti, l-iżvilupp propost xorta waħda jippreżenta riskji potenzjali għall-ħarsien tal-patrimonju kulturali fl-inħawi. Dan jingħad f'paġna 44, fejn bl-Ingliż jingħad li,

**"As discussed above, during the latter half of the twentieth century the footage and immediate environs of the proposed site for development have been subjected to the construction of the present facility and to extensive hard-stone quarrying respectively. Nothwithstanding, the proposed development still presents a number of potential risks to the protection of the cultural patrimony in the area."**

Ir-Rapport jgħid li r-riskji jistgħu jiġu klassifikati f'dawk primarji, sekondarji u terzjarji.

L-impatti primarji huma dawk li jkollhom effett dirett fuq depożiti arkeoloġiċi u strutturi magħmula mill-bniedem.

Is-sekondarji huma l-effetti indiretti fuq id-depożiti arkeoloġiċi u strutturi magħmula mill-bniedem li jgħaġġlu d-deterjorazzjoni u l-impatt viżwali, u li dawn huma iktar diffiċli li tantiċipahom u tikkwantifikahom, u għalhekk jinħtieġu stima bil-għaqal (careful assessment).

L-impatti terzjarji huma dawk li jirriżultaw minn esplojtazzjoni tar-riżors arkeoloġiku u storiku, partikolarment it-turiżmu u sa ċertu punt l-interventi ta' konservazzjoni.

Minħabba li dawn ta' l-aħħar m'humiex relevanti għall-għan ta' dan ir-rapport, din is-sezzjoni tiffoka fuq l-impatti primarji u sekondarji.

Mela dan ir-Rapport qiegħed jinjora l-impatti terzjarji, jiġifieri fuq kif il-wirt storiku u arkeoloġiku jista' jintlaqat minkejja li dan il-wirt jista' jiġi żviluppat bħala għajn biex jinġiebu turisti lejn Wied il-Għajn.

Dan jistona ħafna meta l-istess Rapport mhux biss jidentifika diversi affarijiet li jitqiesu bħala wirt storiku u arkeoloġiku, għalkemm jgħid li qies biss dawk f'raġġ ta' 500 metru biss, imma f'paġna 42 jgħid li Wied il-Għajn żviluppa bħala post turistiku.

Bl-Ingliż,
"**…Eventually, during the latter half of the 20th century, this picturesque sea-side town evolved into a busy tourist resort, while the immediate neighbourhood of the proposed site for development was subjected to extensive hard-stone quarrying and related fly-tipping**."

Mela minflok il-Gvern jara kif jagħmel u jreġġa' lura l-affarijiet ħżiena li saru qabel biex il-wirt kulturali, storiku u arkeoloġiku jerġa' jitgawda u jitħares, irid ikompli jeqirdu.

Ir-Rapport stess isemmi li fost dan il-wirt hemm il-knisja ta' Sant'Antnin.

Imbagħad il-Gvern Nazzjonalista jgħid li għandu għal qalbu l-wirt kultural, storiku u arkeoloġiku.

Tgħid il-Gvern Nazzjonalista qiegħed iħares il-Convention for the Protection of the Architectural Heritage of Europe, Granada, 3.X.1985, ETS 121 tal-Kunsill ta' l-Ewropa li l-Gvern kien iffirmaha fl-20 ta' Gunju 1990, irratifikaha fl-istess jum, u daħlet fis-seħħ għal Malta fl-1 ta' Ottubru ta' l-istess sena?

Tgħid il-Gvern Nazzjonalista qiegħed iħares il-European Convention on the Protection of the Archeological Heritage, Valletta, (revised), 16.I.1992, ETS 143 tal-Kunsill ta' l-Ewropa, li l-Gvern iffirmaha fis-16 ta' Jannar 1992, irratifikaha fl-24 ta' Novembru 1994, u li daħlet fis-seħħ għal Malta fil-25 ta' Mejju 1995?

Tgħid il-Gvern Nazzjonalista b'dak li jrid jagħmel bl-impjant ta' Sant'Antnin se jkun qiegħed iħares dawn iż-żewġ konvenzjonijiet u anki l-konvenzjonijiet l-oħra li semmejt aktar qabel?

**Tqattigħ jew Le**

Ir-Rapport jgħid ukoll li minħabba li l-impjant propost se jsir fl-istess post, inaqqas ir-riskji primarji għaliex jekk kien hemm xi wirt arkeoloġiku nqered.

Jgħid li jista' jkun għad hemm xi wirt arkeoloġiku mirdum taħt l-istess sit, imma minħabba li mhux se jsir tqattih ma jistgħux jiġu identifikati.

Hawnhekk hawn kontradizzjoni kbira oħra, għaliex kif rajna aktar qabel, l-istess rapport jgħid li jrid isir tqattih minħabba dislivelli li hemm, tant li jgħid li jrid ikun numru ta' inġenji biex iqattgħu l-blat u oħrajn biex iġorruh.

Fil-fatt, aktar qabel rajna li fil-paġna 25 jingħad li mhux biss il-bini kollu ta' l-impjant irid jiġi mneħħi, imma li minħabba dislivelli fis-sit li huma anki 5 metri, jkun irid isir tqattih tal-blat. Bl-Ingliż, it-tielet paragrafu f'paġna 25 jgħid li,

"**Furthermore it should be noted that the ground levels at the St. Antnin site differ in height (differences of up to 5 metres across the site) and it is therefore highly likely that preparatory groundworks are required…"**

L-aħħar paragrafu fl-istess paġna jgħid li,

"**The site preparation works would utilise a range of mobile construction plant, comprising of but not limited to cranes, excavators, bulldozers and dump trucks…."**

Irid isir tqattih jew le?

U jekk isir it-tqattih ma jistax ikompli jeqred xi fdalijiet arkeologiċi li jista' jkun hemm minflok ma jiġu żviluppati biex jitgawdew miċ-ċittadini Maltin u mit-turisti?

U x'garanzija għandna li jekk waqt it-tqattih jiltaqgħu ma' xi wirt arkeoloġiku, dan ma jinqeridx biex ma jfixkilx l-iżvilupp ta' l-impjant kif irid il-Gvern Nazzjonalista li ħalla wirt storiku u kulturali ieħor jinqered?

**Impatti Sekondarji**

Ir-Rapport ikompli jgħid li l-impatti sekondarji jkunu dawk viżwali, jiġifieri li jolqtu l-għajn, u minn pollutanti, jiġifieri dawk l-affarijiet li jagħmlu ħsara fl-ambjent bit-tniġġiż tagħhom.

Barra l-impatt viżwali minħabba l-kobor u l-għoli ta' l-istrutturi li se jkunu għolja mill-inqas 12-il metru jew madwar erbgħin pied, l-aktar impatt se jkun minħabba t-trakkijiet taż-żibel u trakkijiet oħra li se jkabbru t-traffiku fl-inħawi.

Dan ifisser li barra mill-irwejjaħ taż-żibel u affarijiet oħra li jirriżultaw mit-tħaddim ta' l-impjant, il-mijiet ta' trakkijiet taż-żibel li se jinżlu kuljum inkluż nhar ta' Ħadd se jikkawżaw ammont ta' dħaħen u kontaminazzjoni mill-magni tagħhom.

Kif jista' għalhekk ir-Rapport jgħid li l-mijiet ta' trakkijiet taż-żibel u l-oħrajn li se jkunu jaħdmu fl-impjant ma jkollhomx impatt sinjifikanti fuq dan il-wirt għaliex f'parti oħra jingħad li jgħaddu eluf ta' karozzi oħra?

Jekk jiżdiedu d-dħaħen ma jiżdiedx l-impatt mhux biss fuq il-wirt kulturali u arkeoloġiku, imma anki fuq il-bini kollu biex ma nsemmux is-saħħa tan-nies?

Għalfejn ma nnaqqsux it-trakkijiet minflok ma nżidu mijiet ta' trakkijiet oħra taż-żibel kuljum lejn l-inħawi?

Dan biex ma nsemmux li anki affarijiet oħra li jistgħu joħorġu mit-tħaddim ta' l-impjant jistgħu jkunu wkoll il-kawża li mhux biss il-wirt storiku, kulturali u arkeoloġiku, imma anki d-djar tar-residenti jiġrilhom ħsara kbira fil-ġebla u l-istrutturi l-oħra barra mill-ħsara kbira għas-saħħa tan-nies.

Għalkemm ir-Rapport jgħid li ma hemmx **riskju serju** għall-wirt kultural, ir-Rapport stess uża kawtela għaliex qal li l-iżvilupp propost għandu jiġi awtorizzat biss jekk il-karatteristiċi tas-sit u l-miżuri korrettivi li jridu jittieħdu jindikaw li l-proġett ma jkunx ta' **riskju serju** għall-ambjent b'mod ġenerali u fil-każ ta' dan l-impact assessment għall-ħarsien tal-patrimonju kulturali fl-inħawi.

Bl-Ingliż,
**"The proposed development will only be authorised if the characteristics of the site plus the corrective measures to be taken, indicate that the project does not pose a serious risk to the environment in general and in the case of this impact assessment to the protection of the cultural patrimony in the area…"**

Mela riskju hemm, għaliex kieku ma kienx jgħid **riskju serju**, imma kien jgħid biss riskju.

Innutaw li r-Rapport ikkwalifika l-istima li ma jkunx hemm riskju serju jekk dejjem jittieħdu l-miżuri korrettivi li juru li l-proġett ma jikkawżax riskju serju għall-ambjent.

Ir-record tal-Gvern u tal-Kumpanija Wasteserve urewna li mhux ta' min jafdahom, għaliex ma kienux kapaċi jsolvu l-intejjen issa, aħseb u ara kemm se jkunu kapaċi jżommu l-impjant jaħdem u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ma jagħmilx ħsara skond kif jingħad fl-istess Rapport meta jitkabbar madwar 10 darbiet.

Meta qed naraw dawn l-affarijiet kollha, issa nistennew li ma jkunux biss ir-residenti ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar, Iż-Żejtun u dawk li minn ħdejhom se jgħaddu l-mijiet ta' trakkijiet taż-żibel kuljum li jipprotestaw kontra d-diżastru li l-Gvern Nazzjonalista jrid jagħmel, imma anki dawk l-għaqdiet kollha li jgħidu li għandhom għal qalbhom il-wirt jew patrimonju storiku, kulturali u arkeoloġiku nazzjonali.

## L-Impatt fuq l-Ilma

F'paġna 54, ir-Rapport jgħid li jekk ma jittieħdux miżuri li jnaqqsu fid-disinn u matul l-operazzjoni tal-faċlitajiet fis-sit propost, hemm il-potenzjal li xi likwidi li jniġġsu ġenerati minn dawn il-faċlitajiet jistgħu potenzjalment aċċidentalment joħorġu u jinfiltraw fl-istrata ta' taħt u jagħmlu impatt fuq l-ilma ta' taħt l-art fl-akwifer.

Għalhekk ir-Rapport jgħid li għandhom jittieħdu l-miżuri msemmija aktar l-isfel biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm impatti ħżiena sinjifikanti.

Innutaw li l-ewwel nett iridu jittieħdu l-miżuri biex l-ilma ta' taħt l-art ma jiġix imniġġes.

It-tieni, anki jekk jittieħdu l-miżuri, xorta waħda jkun hemm impatt, imma suppost li ma jkunux sinjifikanti.

Mela l-istess Rapport jghid li t-tniggis jew kontaminazzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art xorta waħda jkun hemm, imma jekk jittieħdu l-miżuri ma jkunux sinjifikanti.

Araw x'jgħid ir-rapport bl-Ingliż.

"**Unless appropriate mitigation measures are included both in the design and during operation of the facilities at the proposed site, there is the potential that any polluting liquids generated by these facilities (such as liquor from green waste and waste tipping area within the waset transfer building) could potentially accidentally escape and infiltrate into the underlying strata, thereby impacting the quality of the groundwater within the Lower Coralline Limestone Formation aquifer. The adoption of the mitigative measures, as outlined below, would therefore be required to ensure that there are no significant adverse impacts. These mitigation measures form an integral part of the scheme."**

Fil-paġna ta' wara jingħad x'inhuma dawn il-miżuri li m'hemmx għalfejn noqogħdu nidħlu fihom, imma bir-record tal-Gvern Nazzjonalista u tal-Wasteserve, hemm xi ħadd li jista' jafdahom?

**<u>Landscape</u>**

Dwar il-landscape, jew veduta, jingħad li din titkejjel fuq l-iżvilupp tagħha, u s-sensitivita' tagħha titqies li hija jew għolja, medja/moderata, baxxa jew negliġibbli.

Dan ifisser li aktar ma tkun sensittiva, anqas jitħalla li jsir żvilupp fuqha.

Fi kliem ieħor, jekk il-veduta titqies li s-sensittivita' tagħha hija għolja, ma jitħalliex isir żvilupp jew inkella l-iżvilupp ikun irid isir b'tali mod li ma joħloqx impatt li jnaqqas il-valur tagħha.

Ir-Rapport jgħid li dawk l-inħawi m'għandhomx xi disinjazzjoni kwalitattiva minħabba li f'dawk l-inħawi diġa' kien hemm żvilupp tal-impjant, u li l-impjant diġa' qiegħed f'kumpless industrijali li bħalissa jaffettwa l-karattru tal-veduta jew landscape u li għalhekk inaqqas is-sensitivita' meta mqabbel ma nħawi oħra rurali.

Ir-Rapport jikkonkludi li għalhekk l-inħawi huma meqjusa ta' sensittivita' baxxa, jiġifieri ma jimpurtax li jsir aktar żvilupp li jkompli jnaqqas jew jagħmel impatt fuq il-veduta jew landscape.

Tinsewx li aktar qabel staqsejt għaliex il-Gvern Nazzjonalista għadu ma rratifikax il-European Landscape Convention, Florence, 20.X.2000, ETS 176, tal-Kunsill ta' l-Ewropa li kien iffirma fl-istess jum?

Tgħid għamel hekk apposta biex il-konvenzjoni ma tkunx fis-seħħ għal Malta u ma jkunux jistgħu jittieħdu passi kontrih jekk ikun qiegħed jikser din il-konvenzjoni bl-iżvilupp li jrid jagħmel f'Sant'Antnin?

Jingħad ukoll li xi drabi li hemm imħawwla jridu jinqalgħu biex jagħmlu l-wisa' għall-iżvilupp, u siġar oħra li jitħawwlu biex jitnaqqas l-impatt fuq il-veduta jridu mill-inqas 20 sena qabel biex kollhom impatt sinjifikanti.

Dan huwa r-rigal li jridu jagħtu lir-residenti li xtraw il-proprjeta' tagħhom f'dawn l-inħawi il-Gvern Nazzjonalista u l-Wasteserve bil-kollaborazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, billi jkomplu jnaqqsulhom il-valur tal-proprjeta' barra l-ħsara għal saħħithom.

**<u>Problemi ta' Kontaminazzjoni</u>**

F'paġna 80, ir-Rapport jitkellem dwar diversi problemi ta' kontaminazzjoni u li għandhom jittieħdu l-miżuri għalihom.

Fost il-problemi li jissemmew hemm il-**firien, qniefed u għasafar** li kollha jiġu għall-ikel li jkun jinsab maż-żibel.

M'hemmx għalfejn ngħidu li jekk l-impjant jitkabbar u ma jitneħħiex minn fejn hu qiegħed, il-firien joktru bil-mijiet ta' eluf u l-miljuni u jkunu daqs fniek bl-ikel li jsibu.

Tinsewx li l-ġrieden u l-firien jitkattru bil-miljuni f'qasir zmien.

Tridu li ma tkunux tistgħu toħorġu minn djarkom bihom?

Tant il-problema ta' tniġġiż u problemi oħra hija kbira, li r-Rapport stess jgħid li fil-każi kollha għandu jkun hemm pjan ta' kontinġenza għal xi sitwazzjonijiet aċċidentali li jistgħu jinqalgħu, waqt li n-nies fl-impjant iridu jiġu mħarrġa biex jiskansaw problemi bħal dawn u jekk jiġri xi aċċident ikun irranġat mill-aktar fis possibbli.

Fi kliem ir-Rapport,

**"In *<u>all</u>* the above cases there should be a <u>contingency plan</u> for any accidental situations that may arise on site during construction and operation. Personnel need to be trained to avert such problems and if an accident happens, it should be fixed in the shortest time possible."**

Il-partijiet sottolinjati u bl-italics mhux jien għamilthom, imma l-istess rapport.

Tridu li tkunu esposti għal dawn il-perikli kollha li l-Gvern Nazzjonalista bil-flus ta' l-Unjoni Ewropea jrid jitfa' wara biebkom?

Tant min għamel ir-Rapport mhux ċert li l-impjant ma jikkawżax danni, li f'paġna 81 jingħad li jrid isir monitoraġġ sewwa biex jaraw l-ambjent jiġix affettwat, kemm waqt il-kostruzzjoni u anki meta jibda jaħdem għal perjodu maqbul, speċjalment fir-rebbiegħa.

X'jiġri jekk jindunaw li jkun qiegħed jikkawża danni għall-ambjent?

Tgħid iżarmaw kollox minkejja l-miljuni kbar li jkunu ntefqu?

U jekk għall-ewwel ikun sewwa u wara jibda ma jingħatax każ kif dejjem isir hawn Malta?

Naħseb li min għamel ir-Rapport jew ma kienx jaf kif isiru l-affarijiet hawn Malta jew kellu aptit jiċċajta.

**It-Toroq tat-Trakkijiet taż-Żibel**

Ir-Rapport jidentifika liema huma t-toroq li t-trakkijiet taż-żibel se jibdew jgħaddu minnhom.

Għalhekk, huwa mportanti li tkunu tafuhom ħalli anki dawn in-nies li joqgħodu f'dawn l-ibliet iħeġġu lill-Kunsilli tagħhom biex anki huma jidħlu wkoll fil-kwistjoni.

Imma qabel, tajjeb li naraw li r-Rapport jgħid li skond figuri ta' l-2001, saru 7185 vjaġġ mit-trakkijiet taż-żibel.

Issa qiegħed jiġi kkalkulat li se jsiru madwar 400 vjaġġ kuljum, li jfissru 2,800 vjaġġ fil-gimgħa.

Dan ifisser li jekk l-impjant jitkabbar kif qiegħed jghid il-Gvern Nazzjonalista, fi ftit iktar minn gimgħatejn ikunu nqabżu l-vjaġġi li kienu saru f'sena sħiħa fis-sena 2001.

Barra minn hekk, f'paġna 94 jingħad li dan it-traffiku jkompli jikber meta l-impjant jibda jittratta ż-żibel kollu ta' 200,00 tunellata fis-sena.

Kif jista' għalhekk jingħad li b'din iż-żieda enormi ta' vjaġġi l-impatt tat-traffiku se jkun zgħir?

Kif jista' għalhekk il-Ministru jgħid li l-impjant mhux se jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex meta anki hawnhekk qiegħed jingħad hekk?

U jekk is-7185 vjaġġ mit-trakkijiet taż-żibel bħalissa qiegħdin iġibu madwar 25,000 tunellata ta' żibel, kemm se jġibu żibel 145,600 vjaġġ fis-sena li skond l-istess rapport se jibdew isiru?

Ma rridux ninsew lanqas li barra dawk l-400 vjaġġ kuljum, hemm ukoll il-vjaġġi li jridu jsiru bil-containers kbar li jġorru l-materjal li jiġi riċiklat, bħal ma huma l-karta, plastik, metalli u l-kompost li jiġi mibjugħ.

Kull ma trid biex tasal għall-figura taż-żibel li se jibda jitniżżel ġewwa Wied il-Għajn jekk in-nies iħallu lill-Gvern jibqa' għaddej bil-pjani moqżieża tiegħu faċli taħdimha, għaliex hija biss sempliċi matematika.

Din ukoll ma tridx tkun mort tagħmel xi tliet snin tistudjaha l-Universita bħall-Avukat Gawdenz biex tifimha, sur Ministru.

**Inkomplu fuq it-Toroq**

Jekk inħallu Wied il-Għajn barra, Tabella 10/5 tar-Rapport f'paġna 95 tgħid li n-naħa t'isfel ta' Malta, jiġifieri Birżebbuġa, Marsaxlokk, Iż-Żejtun, Ħal-Għaxaq, il-Gudja, Ħal-Kirkop, Iż-Żurrieq, Il-Qrendi u l-Imqabba, jgħaddu minn diversi toroq li jwasslu għar-rotta 134 mill-Punent, imbagħad rotta 26-134 min-Nofs in-Nħar.

Skond l-istess Rapport, jingħad li l-ibliet skond l-Pjan għan-Nofs in-Nħar ta' Malta huma l-Fgura, il-Gudja, Ħal-Għaxaq, Ħal-Kirkop, Ħal-Luqa, Wied il-Għajn, l-Imqabba, Raħal Ġdid, il-Qrendi, Ħal-Safi, Santa Luċija, Is-Siġġiewi, Ħal-Tarxien, Ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, Ħaż-Żebbuġ, Iż-Żejtun, Iż-Żurrieq u l-Marsa.

Il-kumplament ta' Malta, u għalhekk anki Ghawdex, toroq varji li jwasslu għar-rotta 26 fil-Lvant ta' Ħal Tarxien, u jidħlu mill-Punent tas-sit, imbagħad mir-rotta 26-134 mit-Tramuntana.

Tabella 10/6 turi ż-żieda li jkun hemm fin-numru ta' vjaġġi matul ir-rotta 26-134, li l-figuri kollha juru li t-traffiku se jikber b'aktar minn tmien darbiet li qiegħed bħalissa, li jirrifletti kemm tassew hemm il-ħsieb li l-impjant jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex.

Biex naqtgħu fil-qasir, it-trakkijiet taż-żibel min-naħa t'isfel jibdew jgħaddu mill-irħula rispettivi li jkun hemm fi triqthom lejn Bir-id-Deheb, iduru mar-roundabout li hemm fit-triq ta' Birżebbuġa, jgħaddu miż-Żejtun, jgħaddu minn ħdejn il-Ġnien ta' San Girgor, mit-triq tar-Ramla u jibqgħu sejrin lejn l-impjant.

Mill-kumplament ta' Malta fejn hemm il-maġġoranza tal-popolazzjoni u għalhekk l-aktar li jiġi ġenerat żibel u l-aktar li jgħaddu trakkijiet, it-trakkijiet taż-żibel jgħaddu mill-ibliet u rħula li jkunu fir-rotta tagħhom sakemm jaslu l-Marsa.

Imbagħad jitilgħu mit-telgħa taċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, jgħaddu minn bejn Santa Luċija u Ħal-Tarxien lejn tal-Barrani, iduru lejn il-fabbriki ta' Buleben fil-parti ta' Ħal-Tarxien, ikomplu minn ħdejn il-fabbriki fil-parti tal-Fgura, iduru mit-triq taċ-Ċawsli u mal-mina ta' Hompesch lejn Ħaż-Żabbar, iduru lejn il-bypass ta' Wied il-Għajn u jinżlu lejn l-impjant ta' Sant-Antnin.

M'hemmx għalfejn ngħidu li jerġgħu jmorru lura mill-istess toroq, għaliex it-trakkijiet taż-żibel mhumiex ajruplani li jtiru u jaqtgħu fil-qasir.

Għaldaqstant, in-nies kollha ta' dawn il-lokalitajiet kif ukoll kull lokalita' oħra li t-trakkijiet taż-żibel bilfors iridu jgħaddu minnha għandhom jingħaqdu flimkien biex ma jħallux lill-Gvern Nazzjonalista bl-għajnuna at' l-Unjoni Ewropea jkompli mhux biss bl-istupru tan-naħa t'isfel ta' Malta, imma anki tagħhom billi jżidilhom il-vjaġġi tat-trakkijiet taż-żibel li jgħaddu mit-toroq tagħhom.

Jekk wieħed jara l-pjanti 10/1, 10/2 li hemm mar-Rapport jieħu aktar idea tar-rotot li t-trakkijiet taż-żibel se jgħaddu minnhom fi triqithom lejn u mill-impjant ta' Sant'Antnin jekk dan jitħalla jitkabbar.

**<u>Kontradizzjonijiet</u>**

Biex inkomplu naraw il-kontradizzjonijiet li fih ir-Rapport, inħarsu ftit lejn paġna 110. Jista' jkun li kien hemm min ried jiċċajta jew ried ikun sarkastiku fil-kummenti tiegħu.

L-ewwel nett, ir-Rapport qiegħed jikkonferma li l-impjant mhux jitħaddem tajjeb għaliex qiegħed jagħmel l-intejjen.

Dan jirrifletti fuq l-effiċjenza tal-Wasteserve, għaliex jekk issa li qiegħed jittratta 25,000 tunellata fis-sena u m'hijiex kapaċi ma thalliħx jarmi l-intejjen, aħseb u ara kemm se tkun kapaċi ma tħalliħx jagħmel agħar meta jibda jittratta madwar 10 darbiet iżjed!

Kif iriduna nemmnuhom?

Imma ħalli niġu għal dak li jgħid ir-Rapport dwar l-intejjen u l-valur ta' l-għelieqi.

Dan jgħid li l-impatt dwar l-intejjen jiġi mnaqqas min numru ta' miżuri li **<u>aktarx</u>** itejbu s-sitwazzjoni eżistenti, u li jnaqqas l-inkonvenjent preżenti ta' l-intejjen u r-riskju għall-bdiewa u possibilment ikabbar il-valur ta' l-art agrikola viċin l-mpjant.

Mela anki l-istess Rapport lanqas ma huwa ċert li l-miżuri li jgħid li jridu jittieħdu jtejjbu s-sitwazzjoni dwar l-intejjen, għaliex kieku kien jgħid li jtejjbu u mhux jikkwalifikaha bil-kelma "**<u>aktarx</u>**".

Bl-Ingliż,
"**Odour Emissions.**
**It is understood that this type of impact will be mitigated through a number of measures that <u>are likely</u> to improve the existing situation. This would in fact alleviate the present nuisance and risk to farmers, and possibly increase the value of agricultural land in the vicinity of the site."**

Mela hawnhekk l-istess Rapport qiegħed jikkonferma li l-impjant qiegħed joħroġ l-intejjen u li barra l-inkonvenjent hemm ukoll riskju għall-bdiewa.

X'inhu dan ir-riskju jew riskji sur Ministru?

Il-bdiewa u r-residenti viċin l-impjant għandhom dritt li jkunu jafu x'riskji qiegħed jikkawżalhom l-impjant anki issa kif qiegħed jgħid l-istess Rapport.

Barra minn hekk, naħseb li min għamel ir-Rapport ried ikun sarkastiku meta qal li l-iżvilupp propost ikabbar il-valur ta' l-art agrikola qrib l-impjant, għaliex kif għidt aktar qabel, jekk il-Wasteserve ma kinitx kapaċi ma tħallix l-impjant jarmi l-intejjen issa, kif sejra tkun kapaċi ma tħalliħx initten kullimkien meta jibda jaħdem madwar 10 darbiet aktar żibel milli qiegħed jaħdem issa?

Naħseb li anki meta jitkellem dwar il-firien, għasafar u nsetti oħra ried jgħaddi ż-żmien jew ikun sarkastiku, għaliex jekk l-istess Rapport jgħid li potenzjalment ikun hemm żieda fil-firien, għasafar u nsetti oħra, u jġib l-iskuża li ż-żibel qiegħed jintagħżel fil-beraħ, kif jistgħu jonqsu minkejja li ż-żibel jibda jintagħżel fil-magħluq?

Fil-fatt, ir-Rapport stess jgħid f'paġni oħra li diġa' rajnihom li l-firien, għasafar u nsetti jiżdiedu kif qiegħed jgħid anki f'din il-paġna, imma jgħid li jekk isir knis regolari u qerda preventiva tal-firien regolari aktarx li jħallu impatt pożittiv billi jitnaqqsu n-numru ta' firien eżistenti.

Mela anki hawnhekk ir-Rapport m'huwiex ċert li minkejja l-passi li qiegħed jgħid li għandhom jittieħdu, fil-fatt in-numru eżistenti ta' firien jitnaqqas.

Nerġa' ntenni.

Jekk il-Wasteserve ma kinitx kapaċi żżomm kontroll fuqhom issa, kif se tkun kapaċi żżomm kontroll meta ż-żibel ikun madwar 10 darbiet iżjed?

**Ħsejjes**

Ir-Rapport daħal ukoll fil-ħsejjes li jikkawża l-impjant meta jitħaddem.

Dan huwa aspett tekniku u jekk ma tkunx tekniku ma tantx tkun tista' tifhem l-affarijiet li jingħadu.

Madankollu, ħalli nagħmel xi ftit osservazzjonijiet li jista' jifimhom kulħadd.

Jekk inħarsu lejn Tabella 12/1 insibu li din hija dwar il-ħin li diversi inġenji jkunu jaħdmu fl-impjant, kemm matul il-kostruzzjoni kif ukoll meta l-impjant ikun qiegħed jaħdem.

Matul il-kostruzzjoni nsibu li bulldozer ikun qiegħed jaħdem il-ħin kollu, waqt li numru ta' nġenji oħra jaħdmu madwar 83% tal-ħin.

Meta l-impjant ikun qiegħed jaħdem, kull parti mill-impjant tkun qiegħda taħdem mingħajr waqfien 24 siegħa kuljum, 7-ijiem fil-gimgħa.

Mela hawnhekk għandha bl-iswed fuq l-abjad li l-impjant se jkun jaħdem 24 siegħa kuljum 7-ijiem fil-gimgħa u mhux 16-il siegħa biss kif jingħad f'parti oħra tar-Rapport.

Hawnhekk tajjeb li jingħad li l-kejl tal-qawwa tal-hsejjes ma ġietx attwalment imkejla fl-impjant, għaliex l-ewwel irid jinbena u l-inġenji jkunu jaħdmu, u għalhekk ittieħed il-kejl ta' mpjant tipiku.

Mela anki hawnhekk il-kejl tal-qawwa tal-ħsejjes mhuwiex dak li attwalment jista' jkun hemm, imma dak li jista' jingħad li jkun hemm f'impjant tipiku li jkollu inġenji tal-kwalita li jintużaw f'impjanti bħal dawn, u li min ikun iħaddmu jkun ħa l-prekawzjonijiet kollha biex jitnaqqas kull inkonvenjent u jżomm l-impjant fi stat tajjeb ta' manteniment il-ħin kollu.

Li ma tridux tinsew huwa li l-inġenji għadhom ma nxtrawx, u għalhekk jista' jkun hemm differenzi bejn l-inġenji li fuqhom tkejlet il-qawwa tal-ħsejjes u l-qawwa tal-ħsejjes li tirriżulta mill-inġenji li attwalment jinxtraw.

**Ma Jeżistix Kriterju tal-Ħsejjes f'Malta**

Ir-Rapport jgħid li sa fejn jafu ta' l-SLR, jiġifieri l-kumpanija li għamlet ir-Rapport, f'Malta ma jeżistix kriterji ta' qawwa tal-ħsejjes li tapplika għall-iżvilupp propost, jiġifieri biex jitkabbar l-impjant ta' Sant'Antnin.

Fir-Rapport jingħad li fil-fatt, dan il-qasam, jiġifieri tal-ħsejjes, kien qasam identifikat bħala li jinħtieġ standard ambjentali fir-Rapport dwar li Stat ta' l-Ambjent" li kien riċerkat u ppubblikat mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija fl-1999 u anki fil-Pjan Strutturali għal Malta.

Mela hawnhekk għandna ċertifikat ieħor ta' l-inkompetenza tal-Gvern Nazzjonalista li minkejja li l-Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija kien qal sa mill-1999 li dan huwa qasam li jinħtieġ standard ambjentali, il-Gvern baqa' rieqed u ma għamel assolutament xejn. Bl-Ingliż,

"**As far as SLR is aware there are no definitive noise criteria applicable to the proposed development within Malta. In fact, noise was one of the areas identified as "requiring an environmental standard" in the "State of the Environment Report" researched and published in 1999 by the Malta Council for Science and Technology. It is also mentioned in the same manner within the current Malta Structure Plan. Some local plans and ordinances do make reference to noise but criteria levels are not mentioned**."

**Aktar Qerq**

Fil-paġna 120 tar-Rapport ikompli jinkixef il-qerq.

Aktar qabel tiftakru li għamilt referenza għal ċirku ta' raġġ ta 500 metru li ttieħed miċ-ċentru ta' l-impjant biex ir-Razzett tal-Ħbiberija u l-housing estate faċċata tiegħu ta' Bella Vista jintmissu biss il-kantunieri tagħhom.

Issa fil-paġna 120 nsibu li l-proprjeta' ħdejn Bella Vista jingħad li tiġi bejn wieħed u iehor madwar 150 metru mill-eqreb parti ta' l-impjant.

Mela jekk inhu hekk l-impjant mhux se jitkabbar?

Jew issa anki bid-distanzi qiegħed isir il-logħob?

Bl-Ingliz,

"**12.5.2 Location 1 – Adjacent Bella Vista to North East**

**This property is located to the north east of the application site, on the north side of the Zabbar to Marsascala road (Triq il-Latmija). The closest that any operations would approach this property would be approximately 150m from the nearest part of the MRF building….."**

Jista' jkun hemm min jgħid li din mhix Bella Vista, imma proprjeta' li tinsab fi Triq il-Latmija viċin jew fl-inħawi ta' Bella Vista.

Anki jekk inhu hekk, jagħmlu tajjeb li r-residenti jistaqsu għaliex issemmiet ukoll Bella Vista u ma ssemmietx biss Triq il-Latmija.

Anki jekk wieħed jara l-pjanta markata SA 12/1 jinduna li dak li sar qabel fuq pjanti oħra sar ukoll fuq din il-pjanta, għaliex ir-raġġ ta' 250 metru ttieħed miċ-ċentru ta' l-impjant u mhux mit-trufijiet tiegħu biex b'hekk jidher iżgħar u ma jkoprix proprjetajiet oħra.

**Tabella 12/3**

It-Tabella 12/3 li tinsab fil-paġna 122 hija nteressanti għaliex turi l-istimi ta' ħsejjes li kull parti mill-impjant suppost li jkun qiegħed jagħmel waqt li jkun qiegħed jaħdem.

Jekk ninsew il-ħsejjes li jkun hemm waqt it-twaqqih u l-bini ta' l-impjant, hemm 5 operazzjonijiet li jkunu qed isiru fl-impjant mingħajr waqfien li kollha hemm il-livell stmat ta' ħsejjes.

L-ewwel ma tridu tiftakru huwa li jekk ikun hemm ħamsa min-nies li jkunu qed jitkellmu jgħajjtu f'daqqa, inti ma tismax biss l-għajjat tagħhom wieħed wieħed, imma tisma' kollox f'daqqa.

Mela l-għajjat ta' ħamsa huwa ħafna aktar minn ta' wieħed waħdu.

Ħaġa li fiha din it-Tabella u li wieħed tista' taqbiżlu u ma jagħtix kasha hija li hemm figuri fil-parentesi, jiġifieri fi "brackets" taħt il-kolonna Composting Operations.

Nota żgħira isfel taħt it-Tabella tgħid li dawk il-figuri **JESKLUDU** l-użu ta' shredder, jiġifieri dik il-magna li tqatta' l-affarijiet.

Ta min wieħed jistaqsi għalfejn jekk biex għamlu r-Rapport dwar il-ħsejjes ħadu bħala mudell impjant simili, għalfejn ma kejlux ukoll il-ħsejjes li jagħmel shredder li jintuża f'impjanti bħal dawn barra minn Malta?

Għalfejn l-użu tax-shredder ma ġiex inkluż fil-figuri?

Tgħid għaliex inkella l-livell tal-ħsejjes kien jaqbeż il-limiti tal-livelli Ingliżi li ttieħdu bħala standard?

Dan ifisser li l-kejl kollu li hemm fir-Rapport u li ma jinkludix l-użu tax-shredder, u dan japplika għall-proprjetajiet kollha, ma jistax jittieħed bis-serjeta'.

Li kieku l-kejl tal-ħsejjes kien serju kien jinkludi l-livell waqt l-użu tax-shredder.

Għalhekk mhux se noqgħod ninħela fuq il-figuri mogħtija fir-Rapport u l-konklużjoni tiegħu li l-ħsejjes huma raġonevoli.

Jiena m'hinix qiegħed ngħid li l-istandards li ntużaw huma ħżiena, imma li hemm nuqqasijiet kbar fir-Rapport.

Mela la r-Rapport jgħid li l-ħsejjes huma raġonevoli, se jkun hemm ħsejjes.

U għalfejn ir-residenti fl-inħawi, biex ma nsemmux oħrajn, għandhom ibatu mill-ħsejjes li jrid jimponi fuqhom il-Gvern Nazzjonalista bl-għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea?

Għalfejn għandhom jemmnu l-figuri tar-Rapport?

Barra minn hekk, kulħadd jaf li hemm differenza kbira bejn ħsejjes bi nhar u ħsejjes bil-lejl, u kulħadd jaf kemm il-ħsejjes jinstemgħu aktar u jaslu aktar 'il bogħod bil-lejl minħabba l-ħemda.

Anki l-livelli tal-ħsejjes mhux kulħadd jismagħhom l-istess, għaliex dak li wieħed ma jismax jew ma jagħtix każ tiegħu, lil ħaddiehor, idejjqu, jinnervjah, itellegħulhu l-pressjoni u jqabbdu breakdown.

Kif jistgħu għalhekk ir-residenti speċjalment dawk viċin l-impjant jitwikkew u jissaportu lejl u nhar, sebgħat-ijiem fil-gimgħa, sena wara sena, bil-ħsejjes ta' l-impjant għaliex il-Gvern Nazzjonalista flimkien mal-Wasteserve u bl-għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea jridu jwikkuhom bihom?

Dan jgħodd ukoll għall-intejjen, ghaliex anki l-intejjen mhux kulħadd ixommhom l-istess, min ixomm ħafna u min ftit.

Fil-paġni 125 sa 127 ir-Rapport jsemmi diversi miżuri li jridu jittieħdu biex jitnaqqsu l-ħsejjes.

Tagħmlu tajjeb li tarawhom ħalli tkunu tafu kemm iridu jittieħdu miżuri u li jien ċert li ma jinżammux, kif juri r-record tat-tmexxija ta' l-impjant.

## Kwalita' ta' l-Arja

Dwar il-kwalita' ta' l-arja nissuġġerixxi li taraw ir-Rapport li għamel il-Professur Vella li diġa għamilt referenza għalih dwar in-nuqqasijiet li fih ir-Rapport tal-Kumpanija Ngliża u dwar il-periklu ta' splużjon tal-gass.

Madankollu, minħabba li aktar qabel ġbidt l-attenzjoni dwar l-inċineratur, tajjeb li naraw x'jgħid ir-rapport f'paġna 139 li tkompli mal-paġna ta' qabel dwar liġijiet u standards.

Din il-parti hija dwar l-Integrated Pollution Prevention and Control Regulation 2002 li saret biex timplimenta d-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea 96/61/EC. Se nħallih bl-Ingliż biex żgur ħadd ma jgħid li biddilt xejn.

**"The installation is likely to be regulated under the IPPC for biological waste treatment and disposal of 50 tonnes per day. This is yet to be determined as it is not established whether the final disposal of biologically treated residue will be 'recovery' or 'disposal' as defined by the EU. 'Recovery' by combustion for power generation (e.g. burning digestion residue briquettes) or for spreading for land improvement would be likely to exempt the activity. 'Disposal' of any of the biologically treated residues by e.g. incineration or landfill would ensure the activity and hence installation was subject to IPPC control."**

Sejjer isir inċineratur jew le?

Qed taraw kif l-affarijiet jinħbew f'postijiet li wieħed ma tantx jagħti kashom?

Mela jekk r-residenti ta' Wied il-Għajn u l-bliet viċini jħallu li l-impjant isir minflok ma jitneħħa anki dak li hemm bħalissa, iridu jlestu rwieħhom biex ma' l-intejjen taż-żibel joqgħodu jxommu wkoll ir-riħa ta' l-inċineratur jaħraq il-ħama tad-drenaġġ.

50 tunellata għal 365 jum jiġu 18,250 tunellata fis-sena ħama tad-drenaġġ jinħaraq, anzi aktarx ħafna aktar minħabba skart velenuż li jibda jiġi mpurtat minn barra kif fissirt aktar qabel flimkien ma' l-intejjen taż-żibel.

Tajjeb ukoll li Tabella 13/6 dwar stima ta' rata ta' ħruġ ta' rwejjaħ, jidher ċar li l-impjant sejjer jittratta ż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex, għaliex jingħad li l-iżvilupp propost jirċievi u jipprepara 200,000 tunellata żibel fis-sena, waqt li dwar il-composting u biofilter tissemma l-figura ta' 90,000 tunellata.

Aktar figuri u taħwid, imma li jkomplu juru kif l-impjant tassew se jaħdem iż-żibel kollu ta' Malta u Għawdex.

Dwar il-pjanta li hemm immarkata SA 13/1, din ukoll għandha r-raġġ ta' 500 metru meħud miż-żentru ta' l-impjant u mhux mit-trufijiet tiegħu.

**<u>Ħmieġ</u>**

Fil-paġna 163 tar-Rapport insibu xi ħaġa dwar il-kwalitajiet taż-żibel li l-impjant ta' Sant'Antnin huwa ppjanat li jaħdem. Bl-Ingliż jingħad li,

**"The proposed facility would handle a variety of waste streams comprising, <u>although not limited to</u>, mixed municipal waste, sorted dry recyclables, green wastes and mixed bio-waste…"**

Jista' jingħad x'inhuwa dak iż-żibel l-ieħor li jista' jinġieb ukoll f'Sant'Antnin, għaliex kif taraw, iż-żibel mhux se jkun limitat għal dawk il-kwalitajiet imsemmija, imma kif jingħad, "**<u>although not limited to</u>**".

Tgħid se jibda jiġi mpurtat iż-żibel minn barra kif għidt aktar qabel?

Insibu wkoll li fil-paġna 165 jingħad li infestazzjonijiet ta' dubbien jiġu kkontrollati permezz ta' spray insettiċida.
"**Any fly infestation would be controlled using insecticidal sprays**".

Mhux biss, imma aktar l-isfel jingħad li dan irid isir kuljum kif meħtieġ.
**"The regular daily application of insecticides as required, including short-lived space-sprays for control of adult flies and residual sprays for both adult flies and larvae, as wet sprays to expose refuge.**"

Mela min-naħa kulħadd jgħid biex innaqqsu l-użu tal-pestiċidi u kimiċi oħra, u issa għandna r-Rapport jgħidilna li infestazzjonijiet ta' dubbien jiġu kkontrollati bl-użu ta' insettiċidi li jkomplu jniġġsu l-ambjent u joħolqu problemi ta' saħħa.

Mhux biss, imma dan ifisser li anki r-Rapport stess qiegħed jammetti u jgħid li se jkun hemm infestazzjonijiet ta' dbieben, għaliex kieku ma kienx jagħmel dak is-suġġeriment.

Taħsbu li d-dbieben se jibqgħu biss fl-impjant?

U xi jġib lid-dbieben, mhux l-intejjen?

Dwar il-ġrieden u l-firien ir-Rapport jgħid li dawn ikunu kkontrollati jekk l-impjant ikun immexxi tajjeb, u fost affarijiet oħra li jissuġġerixxi hemm li titqabbad kumpanija biex toqgħod tagħmel in-nases madwar l-impjant.

Mela anki hawnhekk għandna prova oħra li l-impjant jekk isir se jkabbar in-numru ta' ġrieden u firien jekk ir-residenti ta' Wied il-Għajn iħallu lill-Gvern Nazzjonalista jibqa' għaddej bil-pjan infami tiegħu li bl-għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea jibni l-impjant minflok ineħħi anki dak li hemm bħalissa.

Tinsewx li l-ġrieden u l-firien jitkattru bl-eluf kbar u fi ftit żmien isiru miljuni.

X'se jagħmel dak l-impjant kummerċjali u l-ħanut li hemm miegħu fejn jiġi proċessat il-laħam li jinsab fit-triq li minn Wied il-Għajn tagħti lejn Ħaż-Żabbar?

X'se jagħmlu l-ħwienet u r-residenti ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun?

**L-Aspett Soċjo-Ekonomiku**

Fis-sessjoni tar-Rapport li tittratta l-aspett soċjo-ekonomiku, jingħad li l-iżvilupp propost huwa meħtieġ urġentament biex ikun skond il-liġi Nazzjonali u Ewropej, standards u prattiċi.

Kif jgħid l-istess Rapport f'paġna 168, dawn huma Draft Biowaste Directive, Landfilling of Waste Directive (99/31/EC), Animal Byproducts (1774/2002), Packing and Packaging Waste Directive (94/62/EC), and Waste Framework Directive on waste management (75/442/EC).

Dan huwa kkonfermat ukoll għaliex jingħad li l-iżvilupp propost huwa fil-linja tal-Dokument ta' Referenza tal-Fondi ta' Koezjoni għal Malta li kien ikkonfermat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2003. Bl-Ingliż,

"…**This proposed upgrading at Sant'Antnin is also in line with the Cohesion Fund Reference Framework Document for Malta which was confirmed by the European Commission in December 2003**…."

Mela r-rapport stess qiegħed jgħid li l-iżvilupp propost irid isir minħabba d-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea u għalhekk ir-residenti ta' Wied il-Għajn se jbagħtu bħala konsegwenza ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma kif jgħid l-istess Rapport, it-tibdil u t-tiġdid ta' l-impjant ta' Sant'Antnin ġie approvat u kkonfermat mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Ir-residenti ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun għalhekk se jkollhom ibatu minħabba l-kollaborazzjoni bejn il-Gvern Nazzjonalista u l-Unjoni Ewropea jekk se jħallu li l-impjant isir, għaliex l-impjant ġie approvat mill-Unjoni Ewropea.

Qed taraw kemm tistmagħkom l-Unjoni Ewropea?

Trid tmarrad lilkom u lill-uliedkom u twaqqa l-valur tal-proprjeta' tagħkom.

**<u>Iktar Dwar l-Inċineratur</u>**

Anki din il-parti tagħti prova li ż-żibel li jrid jiġi maħdum huwa dak kollu ġenerat f'Malta.

Fil-fatt, f'paġna 169 jingħad li s-soluzzjoni għat-trattament taż-żibel muniċipali solidu idealment ikun jikkonsisti minn dawn l-erba' investimenti. Fost l-investimenti hemm li,

Jipproċessa ż-żibel imħallat tad-djar li jibqa' ġenerat fil-gżejjer Maltin (circa 130,000 tunellata fis-sena) possibilment permezz ta' impjant li jirkupra l-enerġija miż-żibel. Għandu jsir studju dwar dan u dan ma jiffurmax parti mill-iżvilupp kurrenti. Bl-Ingliż,

"**Process the remaining mixed household waste generated on the Maltese Islands (circa 130,000 t/a), possibly through a waste-to-energy recovery plant. A feasibility study will be carried out in this regard and this does not form part of the current development**."

Mela issa anki l-istess Rapport qiegħed jikkonferma li se jsir studju ieħor biex jaraw kif jistgħu jiksbu l-enerġija miż-żibel u li dan ma jiffurmax parti minn dan l-iżvilupp.

Mela anki hawnhekk qiegħed jingħad bl-aktar mod ċar li l-Gvern bi ħsiebu jagħmel żvilupp ħafna aktar minn dak li hemm propost bħalissa.

Tgħid għalhekk issemmiet il-barriera ta' Wied iz-Ziju?

Jagħmel sens issa li l-impjant irid jitkabbar aktar milli jingħad fir-rapport minħabba li jrid isir impjant ieħor biex jikseb l-enerġija miż-żibel?

Jagħmel sens issa dak li għidt aktar qabel dwar l-inċineratur u anki l-importazzjoni taż-żibel minn barra għall-stess għan?

Jagħmel sens issa għaliex il-Ministru Pullicino qal li l-ħruq taż-żibel irid jagħmlu issa minflok fi snin oħra aktar il quddiem?

Jagħmel sens għaliex kien hemm min staqsa jekk il-Gvern huwiex se jixtri l-barriera ta' Wied iz-Ziju, ħaġa li ħadd ma ċaħad?

**<u>Ħlas ghall-Ġbir taż-Żibel</u>**

Kulħadd jiftakar f'dak li kien qal l-ex Ministru John Dalli li kulħadd għandu jħallas u li xejn m'għandu jkun b'xejn.

Għaldaqstant xejn ma skantajt li moħbija fir-Rapport tal-Kumpanija Ngliża hemm xi ħaġa tinten.

Dan mhux qed ngħidu sarkastikament minħabba li r-rapport huwa fuq iż-żibel, imma għaliex tassew din l-affari għandha x'taqsam ma ħlasijiet li se jintalbu jħallsu d-djar, jew aħjar iċ-ċittadini.

F'paġna 175 jingħad li għalkemm jidher li mill-2014 se jkun hemm cash flow sostanzjali, irid jiġi realizzat li minn din il-cash flow irid ikun hemm l-iffinanzjar ta' investiment fil-futur.

Ikompli jingħad li dan huwa meħtieġ minħabba li bħalissa n-nies ma jħallsux (direttament) għall-operazzjonijiet tal-proġett, u li n-nies iridu jsiru sensibbli li l-ispejjeż iridu jinġarru direttament minn min iħammeġ.

Biex ħadd ma jgħid li qiegħed nivvinta, bl-Ingliż jingħad li,

“**A substantial cash flow appears from year 2014 onwards. It needs to be realised however that future investments need to be financed from this cash flow. The low Financial Rate of Return (FRR) of –1.7 without Cohesion Fund assistance can be attributed to the gradual implementation of th PPP Principle. This is considered necessary <u>since at present households are not (directly) charged at all for MSW operations. Therefore on the one hand households need to become sensible and accept that costs need to be born (directly) by the polluter, and on the other hand that the institutional capacity needs to be developed to implement such a billing system</u>.”**

Hawnhekk għandna bl-aktar mod ċar, bl-iswed fuq l-abjad, li aktar 'il quddiem in-nies se jibdew jintalbu biex iħallsu talli jinġabar iż-żibel.

Ara din il-Ministru Pullicino u l-akkolti tiegħu ħbewha u ma qaluhiex.

Mhux biss, imma l-istess rapport qiegħed jgħid li trid titwaqqaf il-kapaċita' istituzzjonali, jiġifieri organizzazzjoni biex il-ħlasijiet ikunu jistgħu jinġabru.

Hekk sewwa.

Il-poplu Malti maqtul bit-taxxi li kuljum qiegħdin jiżdiedu, ix-xogħol dejjem qiegħed jonqos u jittieħed mill-barranin, u min fuq nibdew inħallsu talli jibda jinġabar iż-żibel.

Istħu jekk tafu tistħu u jekk baqalkom żejt f'wiċċkom sur Ministru.

Tant dan huwa minnu, li t-tieni paragrafu jgħid li d-dħul (ta' flus) jiġi mill-bejgħ ta' żibel riċiklabbli, jiġifieri bħal ma huma ħġieġ, karti u metalli, u ħlasijiet tan-nies għall-operazzjonijiet tal-proġett. Bl-Ingliż,

“**The revenue is made up of the sale of recyclables <u>and the charges paid by households for the projects operations…..”</u>**

Il-ħlasijiet permezz ta' tariffa mhux se jkunu xi ħaġa ta' darba jew jibqgħu l-istess, imma se jikbru aktar ma jgħaddi żmien.

Ir-Rapport jgħid li l-għoli jsir f'ħames darbiet u jilħaq l-aqwa tiegħu fis-sena 2014.

Bl-Ingliż,

**"The revenues from households are based on the volumes of MSW (tonnes) produced for each of the projected years, and the tariff. The latter is calculated based on the average cost price of the project's operations over the projected period, made up of depreciations, interest costs (at 6%) and Operations and Maintenance. It is anticipated that these revenues gradually increase in 5 steps, reaching their maximum (percentage-wise) in the year 2014."**

Mela hawnhekk għandna l-akbar prova li l-Gvern Nazzjonalista mhux biss impona t-taxxa fuq l-ambjent, imma li issa se jagħmel ukoll taxxa oħra, imsejħa tariffa, biex kull dar tibda tħallas għall-ġbir taż-żibel.

Għaliex ħbejtha wkoll din sur Ministru?

Ħaġa mill-aktar importanti li nsibu wkoll f'din il-paġna hija li l-ħajja ta' l-impjant hija kkalkulata li hija ta' 25 sena.

Barra minn hekk, id-Digestion Plant u l-Material Recycling Facility li jagħmlu 93% ta' l-investiment kollu, jkunu jridu jinbidlu fi żmien 10 jew 15-il sena.

Dan ifisser li madwar is-sena 2014 ikollna naraw kif se nsibu dawk il-miljuni kbar biex jinbidlu dawn l-affarijiet. Bl-Ingliż,

**"Together the Digestion Plant and the Materials Recycling Facility make up 93% of the total investment cost. While the project's lifetime is 25 years, these facilities already need replacement at 10 or 15 years. Financing these replacements requires tariffs that include the capital costs of the facilities mentioned."**

Dan ifisser biss li aktar 'il quddiem il-poplu Malti mhux biss se jkollu jara minn fejn isib miljuni kbar li dejjem jikbru biex jibdel l-impjanti kull 10 snin għaliex aktar ma jgħaddi żmien aktar l-affarijiet jogħlew, imma jrid ilesti ruħu biex it-Tariffi jkomplu jogħlew.

Tinsewx li l-għajnuna li suppost ġejja mill-Unjoni Ewropea mhux se tiġi darb'oħra.

Tajjeb li niftakru wkoll li l-flus li taghtina l-Unjoni Ewropea nkunu diġa' ħriġnihom u tajnihomlha aħna qabel, għaliex kull ma tagħmel l-Unjoni Ewropea jkun li tagħtina lura ftit minn dak li nkunu tajniha aktar qabel barra li torbotna b'ħafna kundizzjonijiet.

Tajjeb li nfakkru wkoll li l-ħlas li jissejjah tariffa, kontribuzzjoni, levy, jew xi isem ieħor, xorta waħda huwa taxxa li l-poplu jkollu jdaħħal idejh fil-but biex iħallasha u jkompli jnaqqas mill-ftit flus miżerja li qiegħed jibqalu f'butu, jekk jibqalgħu.

**Chambrai**

Naħseb li min qiegħed jaqra dan is-subtitlu jgħid x'għandu x'jaqsam Chambrai ma' Sant'Antnin?

It-tweġiba tinsab f'paġna 176 tar-Rapport imħejji mill-kumpanija Ngliża għall-Wasteserve.

F'paġna 176 insibu li l-art fejn qiegħed l-impjant giet stmata li tiswa 2,079,000 Ewros, jiġifieri kważi 1,000,000 Lira.

Hawnhekk jidħol Chambrai, għaliex jekk biċċa art li se tintuża biss għaż-żibel ġiet stmata li tiswa kważi 1,000,000 Lira, mela Chambrai li huwa post storiku u qiegħed jiġi żviluppat għas-sinjuri kemm jiswa?

L-istess jista' jingħad għal postijiet oħra li ġew mogħtija mil-Gvern Nazzjonalista bħal ma huma x-Xatt tal-Birgu, Tigne, Manoel Island, u postijiet oħra li kulħadd jista' jaħseb fihom.

Qed taraw kif Rapport imħejji minn ditta Ngliża tefa' dawl anki fuq kif Chambrai u postijiet oħra ingħataw b'xejn mill-Gvern Nazzjonalista lill-ispekulaturi waqt li sallab u se jkompli jsallab liċ-ċittadini Maltin bit-taxxi?

**Landfill**

F'paġna 177 jingħad li l-Gvern qiegħed jiżviluppa pjani biex jagħmel post għar-radam ikkontrollat, jiġifieri landfill, li ma jingħadx fejn se tkun, u li l-ħlas se jkun 15.25 Ewros jew kważi 7 Liri kull tunellata.

Bir-rata ta' kif jogħlew l-affarijiet nistgħu nistennew li jekk u meta ssir din il-landfill il-prezzijiet ikunu ħafna iżjed.

Jista' min huwa risponsabbli jgħid lill-poplu Malti fejn hemm il-ħsieb li ssir din il-landfill, jew anki dan huwa xi sigriet ta' l-Istat li jekk jinkixef taqa' d-dinja?

**Impatti mhux Kwantifikabbli**

Tajjeb li jingħad li f'paġna 177 hemm imsemmi impatti potenzjali li ma jistgħux jiġu kwantifikati, jiġifieri li ma jistax jingħad kemm sejrin ikunu.

Tajjeb li narawhom ħalli kull min joqgħod viċin ikun jaf kif minkejja li qiegħed jingħad li ma jkunx hemm intejjen, ir-Rapport mhux qiegħed jeskludihom.

L-ewwel impatt li jissemma huwa li jekk l-intejjen u l-istorbju ma jiġux ikkontrollati biżżejjed fuq il-post tal-proġett impatt negattiv fuq il-valur tal-proprjeta' ta' madwar jkun mistenni.

Bl-Ingliż,
"**In case odour and noise is not sufficiently controlled on the project's site a negative impact on the value of the surrounding premises can be expected.**"

Mela issa għandna r-Rapport stess li qiegħed jgħid li jekk ma jittieħdux il-passi kollha li anki l-istess rapport isemmi, u li nafu li hawn Malta anki jekk għall-ewwel nibdew tajjeb imbagħad nibdew nillaxkaw, il-prezz tal-proprjeta' fil-viċinanzi jaqa'.

Barra minn hekk, f'paġna 179 jingħad li l-biċċa l-kbira ta' bini viċin huwa industrijali, għalkemm hemm numru ta' djar f'inqas minn 250 metru li se jiġi affettwati, kemm waqt il-bini kif ukoll fit-tħaddim ta' l-impjant.

Kemm dan jiġri fil-prattika jiddependi fuq il-kwalita ta' maniġġjar u kontroll ta' dawn l-impatti li jdejjqu.

Jgħid ukoll li b'kontroll strett l-impatt huwa antiċipat li jkun limitat.

Mela anki l-istess Rapport qiegħed jgħid li se jkun hemm impatti negattivi u li jkun meħtieġ li jkun hemm maniġġjar ta' kwalita'.

Kulhadd jista' jgħid kemm l-immaniġġjar kien tajjeb, għaliex kulħadd jaf bl-intejjen insopportabbli li r-residenti kellhom isofru minn kemm ilu li beda jaħdem l-impjant.

L-impatt ma jkunx biss fuq dawk il-proprjetajiet, imma l-istess Rapport jgħid li l-perċezzjonijiet ta' maniġġjar taż-żibel jistgħu jkollhom impatt zgħir negattiv anki fuq proprjeta' fiż-Żejtun.

Jgħid ukoll li anki Ħaż-Żabbar, il-Fgura, Ħal-Tarxien, Iż-Żejtun, Ħal-Għaxaq u l-Gudja sejrin jiġu affettwati miż-żjieda bit-tkabbir fit-traffiku, u għalkemm ġew identifikati rotot biex jiskansaw inħawi residenzjali, proprjetajiet fuq dawn ir-rotot jistgħu jiġu affettwati negattivament.

Fi kliem ieħor, il-prezz tal-proprjeta' minn fejn jgħaddu r-rotot tat-trakkijiet taż-żibel se jintlaqtu ħażin u l-prezz jaqa'.

Dak huwa li jrid jagħmel il-Gvern Nazzjonalista bl-għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea lil kull min għandu l-proprjeta' fin-naħa t'isfel ta' Malta.

Iwaqqagħlu l-prezz tagħha.

**<u>Impatt Ieħor</u>**

Bl-istess mod jingħad li jekk il-ġbir u l-immaniġġjar taż-żibel ma jkunx organizzat tajjeb, jista' jwassal għal aktar żibel fuq il-gżira, bil-potenzjal ta' impatt negattiv fuq it-turiżmu u b'hekk fuq l-ekonomija.

Bl-Ingliż,
"**In case collection and management of MSW would not be organised properly it may lead to more litter on the island, with potential negative effect on tourism and thus on the economy.**"

Ir-Rapport jgħid li l-impjant huwa, u hawn se nħalliha bl-Ingliż, "**assumed**" li jkun kapaċi jlaħħaq ma dawn il-problemi potenzjali u għalhekk dawn l-ispejjeż ekonomiċi ma ġewx inklużi.

Bl-Ingliż tafu x'jgħidu?

Li "**if you assume, you make an ass of you and me**." (assume, ass-u-me).

**Taxxi Għola**

Jekk ħsibtu li t-Tariffi se jkunu ffissati darba jew se jogħlew biss 5 darbiet jew li se jkunu baxxi sejrin imqarrqin.

Dan għaliex meta r-Rapport jikkonsidra ċerti riskji u sensittivita', fl-istess paġna jgħid li meta jiġi meqjus li żieda fid-dħul ibbażata fuq tariffi għola tidher possibbli mill-punt li tkun tista' titħallas…

Bl-ingliż,
"…**Considering the fact that an increase in revenues based on higher tariffs appears possible from the affordability point of view**…"

**Impjiegi**

Dwar impjiegi jingħad li dawk preżenti jinżammu u jidħlu xi ftit ħaddiema oħra, imma magħhom se jiġu mpjegati wkoll xi esperti barranin li jingħad li se jkunu inqas minn għaxra.

Mela issa anki biex naħdmu ż-żibel se jkollna nġibu l-barranin bil-pagi tagħhom mingħajr l-ebda dubju jkunu eluf kbar ta' liri u hafna iktar milli jitħallsu l-ħaddiema Maltin.

Fir-Rapport ma jingħadx li l-esperti barranin se jħarrġu lill-ħaddiema Maltin biex aktar 'il quddiem ikunu l-ħaddiema Maltin li jħaddmu l-impjant, imma jkollna nibqgħu mwikkija bil-barranin li jieħdu xogħol il-ħaddiema Maltin.

F'paġna 182 jingħad li l-iktar impatti potenzjali fuq il-popolazzjoni lokali huma konsegwenza ta' fatturi speċifiċi, bħal ma huma ħsejjes, trabijiet u movimenti iżjed ta' vetturi.

Ikompli jingħad li l-aktar li jintlaqtu huma dawk f'raġġ ta' 500 metru madwar l-impjant, u għalhekk saru eżamijiet dettaljati għaliex qalu li aktar ma tmur 'il bogħod dawn l-affarijiet jonqsu u riskju għas-saħħa pubblika iktar 'il bogħod aktarx ma jkunx hemm.

Mela hawnhekk għandna l-akbar eżempju ta' kemm ma sarx studju tajjeb, għaliex kulħadd jiftakar kif qabel kien hemm Gvern Laburista fl-1996 li bidel is-sistema, l-intejjen jaħarqulek griżmejk kienu jinxtammu anki minn Raħal Ġdid.

Mela kif jiġu dawk li għamlu r-rapport jgħidulna li dawn l-effetti ma jinħassux jew jinxtammux minn bogħod ta' aktar minn 500 metru?

Kif jingħad f'imkejjen oħra tar-Rapport, l-impjant qatt ma qabeż il-25,000 tunellata fis-sena u kien jagħmel dawk l-intejjen kollha.

Mela kif issa jridu jbellgħulna li meta l-impjant se jittratta iktar minn 8 darbiet aktar l-intejjen se jonqsu.

## Effetti fuq is-Saħħa

Tant hemm effetti fuq is-saħħa li fir-Rapport stess f'paġna 182 fl-aħħar paragrafu jingħad li studji fuq ħaddiema li jaħdmu f'impjanti bħal dawn instab livell għoli ta' antibodies u li l-ħaddiema rrapurtaw infjammazzjonijiet fil-passaġġi ta' l-arja ta' griżmejhom u problemi ta' l-intern, tant li kellhom jintużaw maskli u anki air conditioning. Bl-Ingliż,

**"…However, health studies have found a link between waste operatives and increased levels of antibodies. Some workers have reported inflammation of the airways and gastro-intestinal problems. In some circumstances levels of dus and biologically active materials (eg fungi, bacteria, etc) have prompted the use of filter masks or the provision of air conditioning for the loader drivers**."

Mela l-istess Rapport qiegħed jgħid dawn l-affarijiet, jista' xi ħadd jemmen li dawn ma jiġrux aktar ma jitkabbar l-impjant kif jingħad fir-Rapport?

Biex ikompli jogħrok il-melħ fuq il-ferita, ir-Rapport jgħid li kejl meħud mid-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent wera li diġa hemm livell għoli ta' partikulate matter, jiġifieri dak kollu li jtir fl-arja bħal ma huma trab, fungi, batterji u affarijiet oħra li jagħmlu ħsara kbira għall-bniedem, u għaliex le, anki annimali.

Mela minflok il-Gvern Nazzjonalista jara kif jagħmel u jneħħi dawn il-perikli, irid ikompli jkabbar l-impjant u jżid iż-żibel b'10 darbiet ħalli jkompli jsallab u jmarrad lir-residenti.

Qed taraw kemm il-Gvern Nazzjonalista għandu qalbu taħarqu għar-residenti ta' l-inħawi u għaċ-ċittadini kollha tan-naħa t'isfel ta' Malta?

## Fejn Isir l-Impjant

Ara dak li jgħid ir-Rapport li l-kwistjoni m'hijiex jekk jitwaqqafx l-impjant imma fejn se jitwaqqaf naqblu miegħu, għaliex dik hija l-kwistjoni kollha li hemm bejn ir-residenti u l-Gvern arroganti Nazzjonalista.

Ir-residenti kollha ta' Wied l-Għajn, Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun u nħawi oħra viċin huma magħquda flimkien u m'humiex lesti taħt l-ebda ċirkostanza li jħallu lill-Gvern arroganti Nazzjonalista jibqa' għaddej minn fuqhom u l-impjant mhux se jħalluh jittella f'Sant'Antnin għall-ebda raguni.

## Bella Vista

F'paġna 184 terġa' tissemma Bella Vista meta r-Rapport jirreferi għall-ħsejjes li jiġu ġenerati mill-impjant.

Jingħad li l-eqreb proprjeta' ta' Bella Vista huwa razzett li huwa madwar 135 metru 'l bogħod mill-Mechanical Treatment Building, jiġifieri l-bini fejn ikun hemm l-Impjant għal-Trattament Mekkaniku.

Kull min jaf Bella Vista jaf li dawn huma nħawi kollha bini ġdid fejn joqgħodu r-residenti, jew bl-Ingliż "Housing Estate".

Issa kif razzett sar jagħmel parti minn Bella Vista ma nistax nimmaġina.

Jagħmlu tajjeb għalhekk ir-residenti ta' Bella Vista jaraw x'jista' jkun hemm moħbi u għaliex jissemmew, għaliex jekk l-impjant jitħalla jsir u aktar 'il quddiem ikun hemm l-intejjen u l-waqa' tal-valur tal-proprjeta' tagħhom, il-Gvern Nazzjonalista jkun jista' jinħeba wara r-Rapport għaliex jgħid li kienu msemmijin.

Qed taraw kemm l-affarijiet isiru b'makakkerija?

Ir-Rapport jgħid li aktarx ma jkunx hemm ilmenti mir-residenti, u li l-istudji juru li l-livell ta' ħsejjes ikun sinjifikanti fid-disinn raġonevoli ta' ġewwa. Bl-Ingliż,

**"…The outcome of assessments indicates that the likelihood of complaint from nearby residents would be unlikely. Calculations have been undertaken which indicate, without exception, that internal noise levels would clearly be significantly within the reasonable design criterion for living rooms**."

Hawnhekk għandna konferma oħra li ħsejjes se jkun hemm, imma li skond ir-Rapport dawn ikunu raġonevoli.

Innutaw li jingħad li l-ħsejjes fuq ġewwa jkunu raġonevoli.

Mela dan ifisser li l-ħsejjes fuq barra ma jkunux raġonevoli, mhux hekk?

Min se jiddeċiedi jekk ikunux raġonevoli jew le?

U għaliex ir-residenti għandhom ibagħtu minn ħsejjes, għolja jew le, baxxi jew le, tul ħajjithom kollha għaliex il-Gvern Nazzjonalista flimkien ma l-Unjoni Ewropea ddeċidew hekk?

Din il-parti tar-Rapport jgħid li l-agħar każi, jiġifieri dwar ħsejjes, ikunu matul l-iżvilupp.

Mela jekk ikunu biss sakemm isir l-iżvilupp, għalfejn issemma l-bini tal-Mechanical Treatment Plant?

Dan ma jfissirx ukoll li anki wara li jitla l-bini u jkun qiegħed jaħdem il-Mechanical Treatment Plant ikun hemm ukoll il-ħsejjes?

Kieku ma kienx hekk, u dan huwa naturali għaliex il-Mechanical Treatment Plant bilfors tagħmel il-ħsejjes, għalfejn issemma l-bini tagħha?

U għalfejn meta ġew stmati l-ħsejjes issemma l-Crusher, jiġifieri l-magna li tkisser il-ħġieġ jew tgħaffeġ affarijiet oħra, u hawnhekk ma ssemmiet xejn?

Qed taraw kemm tridu toqgħodu attenti għal kull ma jkun hemm miktub u anki għal dak li jew ikun imdaħħal f'xi parti biex jinħeba, jew jissemma f'parti u ma jissemmiex f'oħra, kif ukoll għal dak li ma jingħadx imma li tista' tasal għalih billi taħseb ftit?

**Impjiegi Ġodda**

Biex jipprova jgħaddi ż-żmien bin-nies, ir-Rapport jgħid li l-iżvilupp se jipprovdi numru ta' mpjiegi ġodda.

Biex tkunu tafu kemm se jinħolqu eluf ta' mpjiegi ġodda, jingħad li bħalissa l-impjant jimpjega 49 ruħ, kif ukoll 10 ħaddiema temporanji, u li 49 ruħ jiġu trasferiti fl-impjant il-ġdid.

Jgħid ukoll li l-impjant il-ġdid **huwa maħsub** li jħaddem bejn 60 sa 65 ruħ bla sengħa u 9 sa 10 li jkunu ta' sengħa medja sa għolja.

Mela hawnhekk diġa' għandna dubju kemm se jħaddem għaliex jingħad "**huwa maħsub**" li jħaddem bejn 60 u 65 ruħ.

Jekk tassew fir-Rapport daħlu f'daqstant dettalji biex jgħidulna li ma jagħmilx ħsara, kif ma daħlux fid-dettalji eżatti ta' kemm se jħaddem nies?

Possibbli kienet daqstant tqila biex taħdimha meta suppost taf kemm se jkun hemm magni u affarijiet oħra u kemm ikun jinħtieġ nies biex iħaddmuhom?

Barra minn hekk, innutaw li jingħad li 49 ruħ jiġu trasferiti lejn l-impjant il-ġdid.

Dan ifisser li dawk l-10 ħaddiema li jaħdmu temporanjament aktarx ma jiġux trasferiti u mpjegati fl-impjant il-ġdid, għaliex kieku kienu jingħaddu ma' l-49 ħaddiema l-oħra, mhux hekk?

Issa ma tridx tkun għamilt tliet snin l-Universita' tistudja l-matematika bħall-Avukat Gawdenz biex tinduna li jekk għandek 49 full time u 10 temporanji jigu 59.

Mela l-impjant il-ġdid li se jittratta 10 darbiet żibel aktar se jżid l-impjiegi bin-numru fenominali ta' 1 sa 6 impjiegi.

Dak proġett!!!

Innutaw ukoll li fejn jidħlu ħaddiema specjalizzati, jingħad li jkun hemm bżonn ta' bejn 9 u 10.

Mela lanqas hawnhekk ma jafu kemm se jkun hemm bzonn ezatt.

Dak Rapport!!!

Barra minn hekk jingħad li nofs il-ħaddiema speċjalizzati se jkunu barranin, li jfisser li madwar 5 minnhom ikunu barranin li mhux se jkunu qed iħarrġu Maltin biex jitgħallmu ħalli ma nkunux bżonnhom iżjed u jaħdmu ċ-ċittadini Maltin kif normalment suppost isir.

Anki għaż-żibel se nkunu niddependu fuq il-barranin.

Biex tkunu tafu, bl-Ingliż f'paġna 187 jingħad li,

**15.3.5.1 Population and Community**

"**As stated previously, the proposals once fully operational are anticipated to employ 60 – 65 low skilled staff and 9-10 medium to high skilled staff. The existing facility employs 49 staff (as well as 10 temporary workers), and the 49 staff would be transferred to the new faciltiy. It is anticipated that all the low skilled staff and at least half of the medium to high skilled staff would be Maltese. Therefore the direct impact of the proposal would be to slightly increase, the level of local employment on Malta as a whole. The relative small numbers of overseas staff would provide specialist skills not available on Malta**."

Jekk m'għandniex nies speċjalizzati u mħarrġa biex jagħmlu dak ix-xogħol, għaliex imkien ma jingħad li ċittadini Maltin għandhom jitħarrġu biex aktar 'il quddiem jagħmluh huma?

**Wirt Kulturali**

Biex ikompli jinsulta lir-residenti, ir-Rapport jgħid li l-impjant ta' Sant'Antnin m'għandux xi valur partikolari kulturali, u billi jiġi żviluppat ma jkollux impatt fuq il-wirt kulturali.

Kien hemm bżonn tiġi l-kumpanija barranija, titħallas l-eluf kbar ta' liri u tagħmel dan ir-Rapport biex tgħidilna dawn iċ-ċuċati.

Ir-residenti tant jafu li m'huwiex wirt kulturali li jriduh jitneħħa mhux jitkabbar.

Barra minn hekk, jingħad li minħabba li trakkijiet taż-żibel diġa jgħaddu minn ħdejn wirt kulturali ieħor u jista' jiġi affettwat bi ħsejjes, theżżiż, emissjonijiet – jiġifieri dħaħen li joħorġu mit-trakkijiet taż-żibel, impatt li jidher fuq it-traffiku, kif ukoll konġestazzjoni tat-traffiku.

Anki dawn m'hemmx għalfejn tkun għamilt tliet snin tistudjahom l-Universita' bħall-Avukat Gawdenz biex tifimhom.

Minflok ma jaraw kif inaqqsu dawn l-affarijiet u l-ħsara li jagħmlu fuq il-wirt kulturali jridu jkomplu jżiduhom biex ikompli jgħarrqu u jeqirdu anki l-wirt kulturali.

**Postijiet Oħra**

Dwar postijiet oħra li r-Rapport jgħid li ġew eżaminati biex jaraw jistax isir impjant naħseb li saru u ssemmew apposta għaliex kollha huma qrib bini residenzjali.

B'hekk, il-Gvern Nazzjonalista pprova jġelled residenti ta' nħawi ma' dawk minn inħawi oħra, għaliex kif jgħid il-qawl "**fi ġlieda bejn tnejn jirbaħ it-tielet**".

Jekk tassew kull min kellu nteress riedu jagħmlu studju serju kellhom isibu nħawi li jkunu 'l bogħod mill-bini u mhux l-inħawi kollha li semmew huma viżin il-bini u l-

uniku wieħed ta' l-Għallis qalu li m'għandux isir hemmhekk għaliex il-bini tiegħu jkun jidher minn inħawi turistiċi.

Waqt li m'inhix ngħid li kellu jsir hemmhekk, li jaraw il-bini t-turisti mhux tajjeb, imma li jarawh iċ-ċittadini Maltin u jmarrdu lin-nies tan-naħa t'isfel ta' Malta tajjeb?

Qed taraw kemm huma għal qalb il-Gvern Nazzjonalista u l-Unjoni Ewropea ċ-ċittadini tan-naħa t'isfel ta' Malta?

Hemm affarijiet oħra fir-Rapport, bħal ma huma l-istħarriġ li jgħidu li għamlu ma' 38 ruħ minn Wied il-Għajn, għalkemm ma jidhirx li xi ħadd qalilhom li jaqbel ma l-impjant.

Jaħsbu jew jippretendu li għaliex għamlu dan l-istħarriġ irridu nemmnu li tajjeb li l-impjant isir f'Wied il-Għajn.

Bil-Malti ngħidulhom imorru jsaqqu l-ħass tal-Marsa, u bl-Ingliż ngħidulhom "**go tell it to the marines**".

## Konklużjoni

Kif tistgħu taraw, ir-Rapport fih nuqqasijiet li wieħed ma jistenniex li jsibhom meta tħallsu l-eluf ta' liri għalih.

Barra minn hekk, l-affarijiet tpinġew apposta li huma sbieħ, li minkejja li l-impjant se jittratta 10 darbiet aktar żibel se jnaqqas mill-irwejjaħ, li l-ġrieden u l-firien se jonqsu, li mhix se ssir ħsara lis-saħħa tar-residenti u l-proprjeta' tagħhom, u skoss ħmerijiet u gideb sfaċċat bhal dan.

Ir-Rapport kif il-Gvern Nazzjonalista bil-kollaborazzjon ta' l-Unjoni Ewropea jrid biss ikompli jagħmel in-naħa t'isfel ta' Malta l-miżbla tal-pajjiż, billi mhux biss ikabbar l-impjant, imma li jġib ukoll iż-żibel ta' Għawdex biex jiġi trattat fl-istess impjant ta' Sant'Antnin.

Ir-Rapport wera wkoll kif il-Gvern Nazzjonalista bil-kollaborazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex jobdi r-regolamenti u d-direttivi tagħha bi ħsiebu jeqred l-inħawi u jmarrad lir-residenti ta' Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun u nħawi oħra li mhux biss qed ibatu, imma se jkomplu jżidu l-konsegwenzi fuq saħħithom u l-proprjeta' tagħhom.

Dan huwa r-rigal li l-Gvern Nazzjonalista jrid jagħti liċ-ċittadini tan-naħa t'isfel ta' Malta, speċjalment lir-residenti ta' l-ibliet viċini.

Dan huwa r-rigal ta' l-Unjoni Ewropea liċ-ċittadini tan-naħa t'isfel ta' Malta, speċjalment lir-residenti ta' l-ibliet viċini, bl-approvazzjoni tagħha tal-proġett u billi tagħti l-flus lill-Gvern Nazzjonalista biex ikun jista' jagħmel dan l-iżvilupp infami li bih irid ikompli jmarrad lir-residenti.

Dan huwa r-rigal li l-Gvern Nazzjonalista u l-Unjoni Ewropea jridu jagħtu lir-residenti ta' bliet oħra li t-trakkijiet taż-żibel iridu jgħaddu minnhom biex iwasslu ż-żibel tagħhom lejn l-impjant ta' Sant'Antnin.

Iċ-ċittadini tan-naħa t'isfel ta' Malta issa xebgħu għall-aħħar b'dawn il-ħniżrijiet kollha li qed isiru biex ikomplu jgħarrqulhom saħħithom, saħħet uliedhom, u jkomplu jwaqqgħu l-valur tal-proprjeta' tagħhom.

Issa ċ-ċittadini tan-naħa t'isfel qalu daqshekk għall-arroganza tal-Gvern Nazzjonalista u tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea li jrid jgħinu jmarradhom u jgħarrqilhom ħajjithom, u mhux lesti li jħallu li l-impjant jitkabbar taħt l-ebda ċirkostanza.

Jekk il-Gvern arroganti Nazzjonalista bl-għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea jipprova jibqa' għaddej bil-pjan infami tiegħu se jsib oppożizzjoni qawwija li qatt qabel ma sab bħala, għaliex iċ-ċittadini tan-naħa t'isfel ta' Malta jridu jħarsu l-interessi tagħhom li dejjem tkażbru minn Gvern Nazzjonalista.

Iċ-ċittadini tan-naħa t'isfel ta' Malta qed jgħidu lill-Gvern arroganti Nazzjonalista u lill-Unjoni Ewropea **IEQFU. TKOMPLUX**.

Żmien il-kontijiet jasal, u jasal malajr, aktar milli taħsbu.

Ambjentalist